
MONS SION IN JERUSAL



Il-Wiċċ Imbierek
Ta' Sidna Ġesù Kristu
Kif Baqa' Jidħer
Fil-Liżar Tal-Għażel
Li Ġewwa Fiħ Keffnu Jusef
T'Arimatija.

It-Tielet Sena | APRIL - ĠUNJU, 1957 | Għadd 2

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

# LEHEN
# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ fl-Empire Press, 266, Triq San Pawl, Il-Belt.

# L-OPRA PIJA TAL-QABAR TA' KRISTU

**X'inhi:**

L-Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu hi Xirka ta' msehbin li, bi hsieb wiehed ta' talb u ta' ghajnuna ta' flus, jifhmu jghinu lill-Missjunarji Frangiskani ta' l-Art Imqaddsa ghall-harsien u kisba tas-Santwarji tal-Fidwa taghna, kif ukoll ghat-tixrid u ż-żamma tal-Fidi Kattolika qalb il-Lhud, il-Misilmin u x-Xiżmatiċi tal-Lvant.

**Kif u meta nholqot.**

Inholqot, nistghu nghidu, mill-bidu tal-Knisja, ghax nafu, li xi whud mill-Appostli ġabru u wasslu flus lill-insara ta' Ġerusalemm. Imma f'sura ta' xirka ġiet imsawra biss f'nofs is-seklu XIX bill-hidma tal-Patrijiet Kummissarji ta-Terra Santa u ġiet imwettqa mill-Papa Ljun XIII, li ghanija bi kbir ġid tar-ruh, fis-sena 1894.

Ghan ewlieni taghha hu, li:

a) tghin bit-talb, bil-flus u bil-hidma ghaż-żamma, ghall-kisba u ghall-harsien tas-Santwarji Mqaddsa;

b) tahdem kemm tista' ghax-xandir tal-Fidi Kattolka qalb l-Infidili, ghat-tixrid taċ-ċiviltà, ghat-twaqqif ta' opri ta' beneficenza u ghall-ghaqda bejn l-Insara.;

ċ) tghaqqad Xirka qawwija ghal dan il-ghan qaddis minn ghadd kbir ta' nsara "ta' rieda tajba", li jghinu lill-Missjunarji Frangiskani, li minn 7 sekli ilhom jahdmu fl-Art Imqaddsa.

**L-Imsehbin.**

Imsehbin fl-"Opra Pija" huma dawk li taw isimhom lill-P. Kummissarju tat-Terra Santa flimkien ma' ghajnuna ta' flus ghall-htiġijiet materjali tas-Santwarji Mqaddsa.

Il-kitba fl-Opra Pija tista' ssir, jew ghal sena biss, u l-hlas ikun ta' xelin (1/-), jew ghal dejjem, perpetwu, u l-hlas hu ta' lira sterlina (£1).

Jistghu jinkitbu wkoll il-mejtin.

**Zelaturi u Zelatriċi.**

Huma l-irġiel jew nisa mqabbdin mill-P. Kummissarju sabiex ixerrdu fost l-insara l-Opra Pija, ifehmulhom x'inhi, jiktbuhom fiha, jiġbru l-offerti u, flimkien ma' l-ismijiet, jahsbu jibghatuhom lill-P. Kummissarju tat-Terra Santa.

**Ġid tar-ruh moghti mill-Papiet lill-Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu lil kull Imsiehеb.**

1. Sehem mill-Quddies kollu, mit-talb, sawm, penitenzi, tghakkis, pellegrinaġġi u ghamil iehor ta' hniena li jsir fis-Santwarji ta' l-Art Imqaddsa. (Il-Papa Piju, VI, f'Lulju 1778).

2. Indulġenza Plenarja fil-Milied, fil-Ghid il-Kbir u fil-hin tal-mewt.

3. Indulġenzi ohra Parzjali huma moghotija ghal kull nhar ta' Ġimgha.

4. Lill-Isqfijiet u lill-Qassisin li jhabirku ghall-Opra Pija hi moghtija s-setgha li jbierku l-Kurċifissi bl-ghoti ta' l-Indulġenzi tal-Via Sagra u l-Kurdun ta' San Frangisk. (Ljun XIII, 26 ta' Ġunju 1894).

5. Aktar minn 30,000 quddiesa fis-sena jqaddsu l-Patrijiet Missjunarji tat-Terra Santa ghal dawk miktubin fl-Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu.

**Liz-Zelaturi u z-Zelatriċi.**

Indulġenza Plenarja speċjali fl-Istrina u nhar Santa Marija. (Papa Ljun XIII, 26 ta' Ġunju 1894).

# LEĦEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU F'MALTA

It-Tielet Sena — APRIL - ĠUNJU, 1957 — Għadd 2


## X'FIH DAN IL-GĦADD


Il-Qabar tal-Glorja (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... 34

### L-Ewwel Taqsima — DAWL

Il-Waqgħa ta' Ġerusalem (P. P. Saydon) ... ... ... ... ... ... 36
Kelmtejn fuq Mewt Ġesù (Ben-Jeħuża) ... ... ... ... ... ... 39
Kelmtejn fuq Ħillel (P. Gwidu Schembri, O.F.M.) ... ... ... ... 43
Il-Lingwa ta' Malta u l-Lingwa ta' Ġesù (Fra Pawl, O.F.M.) ... ... ... 46
Kif il-Lhud iħarsu l-Għid (Patri Ġ. Faccio, O.F.M.) ... ... ... ... 49
Mewt u Difna għand il-Qoptin (P. Ġużeppi Cremona, O.F.M.) ... ... 52

### It-tieni Taqsi&a — IMĦABBA

It-Tberik fis-Salt (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... ... 54
Patri Gawdenzju (Fra Beneditt, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... 56
Iċ-Ċedri ta' Libnan (Ġużeppi M. Stivala) ... ... ... ... ... ... 59

### Minn Hawn u Minn Hemm

Aħbarijiet ta' Barra ... ... ... ... ... ... ... ... ... 62
Aħbarijiet ta' Malta ... ... ... ... ... ... ... ... ... 63


---


Direzzjoni: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
**Amministrazzjoni: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju,**
**Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, Il-Belt.**

# IL-QABAR TAL-GLORJA

*Il-kelma "Qabar" tnissel waħx u dwejjaq fil-qalb ta' min jismagħha. Il-Qabar! Dik il-għemâra tal-biża' li qabel ma nidħlu fiha, int u jien u kull ħaj, irridu ngħaddu mill-bieb l-iswed u marsus tal-Mewt. Irridu naħmlu dak il-waqt li fih nitħabtu biex nieħdu n-nifs u ma nistgħux; biex nerfgħu jdejna, u ma jkollniex saħħa. Diqa, dmugħ u għaraq. Naqtgħu qalbna, nintelqu u kollox baħħ.*

*Il-Qabar! Kelma ta' swied il-qalb. Meta nkunu fih ma narawx aktar lil dawk li nħobbu, u ma nisimgħux iżjed il-leħen tagħhom. Ma narawx aktar il-baħar jitbewwes ma' xfar il-blat, u ma nisimgħux iżjed it-tħaxwix tiegħu qalb ir-ramel. Iż-żanżin ħelu tan-naħal li jittajjar fuq il-ward imżewwaq tar-rebbiegħa, ma jkunx aktar għalina. Ma jkunx hemm iżjed għalina tlugħ ix-xemx u nżulha, b'dak is-sħab aħmar u mdieheb. Fih norqdu dik ir-raqda ta' bla ħolm li minnha ma nerġgħux inqumu. Dan laħamna jieklu d-dud. Dawn għajnejna jsiru żewġ ħofor. Dawn subgħajna jinħallu għaksa minn għaksa. Ma jibqax minna ħlief ftit trab isfar u artab, donnu rmied u ftit għadam, mieles u jiebes, donnu ħaġar. Il-Mewt! Il-Qabar! Xi kliem tal-waħx.*

*Imma nqawwu qalbna! Din il-kruha ma kenitx għal kull ħadd! Kien hemm fostna Wieħed li r-raqda tiegħu tal-Mewt ma kenitx għal dejjem. Li Ġismu ma ttekilx mid-dud. Li qam u ħareġ mill-Qabar, u għal hekk dak il-Qabar fost kollha, ma hux Qabar ta' swied il-qalb, imma Qabar ta' Ferħ u Glorja, għax huwa l-Qabar li minn ġewwa fih nibtet għal ulied Adam ix-xitla tat-Tama!*

*Liema hu dan il-Qabar? Huwa l-Qabar ta' Kristu, f'Ġerusalem!*

*Bħal ma l-ħmira meta tħallatha mal-għaġina, tħemmer lil għaġina kollha, hekk ukoll Kristu, Bin Alla, u wkoll Bin Adam bħalna, li qam minn bejn l-imwiet, jekk aħna nitwaħħdu miegħu, bħal għaġin mal-ħmira, bis-saħħa tiegħu, aħna wkoll inqumu mill-mewt. Jekk mela nkunu magħquda ma' Ġesù, il-Mewt għalina ma hix għajn ta' dwejjaq, imma għajn ta' ferħ, għax nafu li teħlisna minn dan il-ġisem tqil tad-dinja, biex nistgħu nilbsu għajru l-ġisem ħafif, ġisem tas-sema. Ma hemmx għal fejn mela nsewwdu qalbna. Bis-saħħa tal-Qawma ta' Ġesù mill-Qabar, għandna nixtiequ l-jum ta' dik il-firda, u ngħidu bħal ma kien jgħid San Pawl Missierna: "Imsejken jien! Min sa jeħlisni minn dal-ġisem tal-Mewt?" Ma hemmx għalfejn, mela, nitnikktu. Ħalli jitnikket u jistagħder min hu hieni bil-ġisem, tal-hemm u d-dnewwa li għandu issa. Inħarsu lejn il-Qabar ta' Kristu. Jekk mill-Oqbra kollha ħiereġ in-niket, mill-Qabar ta' Kristu ħiereġ il-Ferħ. Għax il-Qabar ta' Kristu huwa l-aqwa għeliema li aħna, jekk irridu nżommu ruħna marbutin miegħu, aħna wkoll, bħalu, nerġgħu nqumu. Għal hekk l-Ulied ta' San Franġisk, fil-Qabar Imqaddes ta' Kristu jkantaw kull jum:* "Sat Funeri, sat lacrymis! Sat est datum doloribus!"

*Biż-żejjed dmugħ u niket! Biż-żejjed qlub bl-uġiegħ!*
*Għax qam Ġesù mill-Qabar! Mill-Mewt ħareġ Rebbieħ!*

ID-DIREZZJONI.



**IL-QABAR GĦAŻIŻ TA' ĊESU' KRISTU**
**Kif iżejnuh flimkien il-Griegi, Latini u Armeni.**

---

Il-Qabar ta' Kristu, iqaddsu fih tliet xorta ta' Nsara: Griegi, Armeni u Latini (il-Franġiskani). Il-Griegi iqaddsu fis-siegħa ta' bil-lejl, u jkollhom b'artal ir-rikkiebba tar-rħam li hemm fil-kamra ta' barra (vestiblu). L-Armeni jqaddsu għal xi s-sagħtejn u nofs ta' bil-lejl, u jqaddsu fuq il-Qabar, fil-kamra ta' ġewwa. Il-Latini (Franġiskani, jew Qassisin u Patrijiet oħra bil-permess tagħhom) jibdew iqaddsu mill-erbgħa ta' fil-għodu. Fis-sajf, fis-sitta u nofs u fix-xitwa, fis-sebgħa, issir il-Quddiesa l-Kbira tal-Franġiskani, ġewwa l-Qabar ukoll, li tkun l-aħħar waħda.

# IL-WAQGĦA TA' ĠERUSALEM

Il-waqgħa u l-ħerba ta' Ġerusalem fis-sena 70 wara Kristu hija waħda mill-aqwa ġrajja tal-Art Imqaddsa mhux biss minħabba l-ħruxija, d-dmija u l-kobor tal-ħsara imma wkoll għax biha seħħet il-kelma ta' Kristu li minn dak il-ġmiel ta' tempju ma kellhiex tibqa' ħaġra fuq ħaġra (Matt. 24, 2). Għalhekk ħa naraw ftit kif saret dik il-gwerra li ġiebet il-qerda tal-belt imqaddsa.

Fis-sena 63 qabel Kristu l-Palestina waqgħet taħt il-ħakma ta' Ruma u kienet tagħmel mal-provinċja tas-Sorija, li l-ħakem tagħha kien jista' jindaħal f'xi ħwejjeġ fit-tmexxija tal-Palestina. Il-Palestina kienet f'idejn il-Lhud taħt is-setgħa ta' Ruma sas-sena 6 wara Kristu, iżda fis-sena 6 kienet mogħtija f'idejn Gvernatur Ruman, li kellu d-dar tiegħu f'Ċesarea, għalkemm kien imur Ġerusalem f'xi okkażjonijiet kbar. Il-gvernatur kellu miegħu xi ftit suldati, xi 3,000, għal li jista' jinqala'. Ir-Rumani ma kenux jindaħlulhom lil-Lhud fir-reliġjon tagħhom u fejn setgħu dejjem imxew għal xejrthom. Kollox fuq kollox il-Lhud ma kenux ħażin taħt il-ħakma ta' Ruma, għalkemm kienu l-aħħar gvernaturi li bin-nuqqas ta' għaqal tagħhom ġiebu b'idejhom il-gwerra tal-Lhud kontra r-Rumani u l-waqgħa ta' Ġerusalem.

Fis-sena 64 wara Kristu laħaq gvernatur tal-Palestina Ġessju Floru. Kien bniedem mill-agħar. Daqskemm kien raġel ħażin, il-gvernatur ta' qablu, li anqas hu ma kien xi biċċa deheb mastizz, il-Lhud ħdejn Ġessju kienu jqisuh bħala raġel tajjeb. Skond ma jgħid Ġużeppi Flavju, li għex dak iż-żmien, u kittieba Latini, ma kien jaqta' qalbu mill-ebda delitt: serq, qtil, kefrija mill-eħrex. Għall-ħallelin ma kienx hemm ħabs, basta jagħtuh sehem mis-serqa. Il-poplu ma kienx jiflaħ iżomm aktar; x'uħud marru pajjiżi oħra biex isalvaw ġildhom; il-bqija ma kienx jonqoshom ħlief xrara żgħira biex iqajjmu l-ħuġġieġa. U dik ix-xrara ma dametx ma ġiet.

Kien ix-xahar at' Mejju 66. Il-Lhud ta' Ċesarea kellhom kwistjoni fuq xi drittijiet mal-Griegi u r-Rumani. Il-kawża marret Ruma quddiem Neruni, u s-sentenza kienet kontra l-Lhud. Dawn saħnu. Floru baqa' dejjem jisraq u jaħqar u joqtol il-Lhud. Daħal Ġerusalem bis-suldati u ġiegħel il-Lhud isellmulhom. Il-Lhud sellmu imma s-suldati, skond l-ordni li kellhom, ma sellmux. Il-Lhud għamlu għalihom; is-suldati għamlu għal-Lhud, beda l-ġlied u Floru kellu jitlaq lejn Ċesarea wara li ħalla kumpanija suldati fil-belt.

Sadattant f'Ġerusalem kien hemm taħwid kbir. Il-poplu kellu min isaħħnu, u kellu ukoll min iberrdu. Gwerra kontra Ruma ma kenitx ħaġa ħafifa, u Agrippa t-Tieni, Lhudi u ħabib tar-Rumani, għamel kemm felaħ biex ineħħilhom kull ħsieb ta' gwerra. Mar Ġerusalem għal t'apposta, beżżagħhom mill-

gwerra u talabhom biex ma jitħarrkux. Daru għalih bil-ġebel, u kellu jitlaq. Biex tkompli tagħqad qatgħu s-sagrifiċċju li kien isir kull jum għall-Imperatur. U dan kien ifisser gwerra ma' Ruma. Imma kien hemm oħrajn fost il-Lhud li aktar riedu jaslu għal xi ftehim milli jaqbdu l-armi u dawn sabu ruħhom malajr fi gwerra ma' ħuthom stess ta' rashom sħuna, u beda l-ġlied u l-qtil bejn il-Lhud.

It-tixwix xtered ukoll barra minn Ġerusalem. F'Ċesarea saret taqtila ta' 20,000 Lhudi. Fi bliet oħra l-Lhud qamu kontra l-pagani, u kullimkien ħruq, tiġrif u gzuz ta' mejtin.

F'Ottubru 66 Ċestju Gallo, gvernatur tas-Sorija, niżel b'riġment suldati Ġerusalem biex irażżan l-imxewwxin. Għall-ewwel mar tajjeb imma malajr intebaħ li ma kellux forzi biżżejjed biex jirbaħ il-belt. Dik il-ħabta nżertat il-festa tal-Għarajjex u Ġerusalem kienet mimlija bil-Lhud. Ħabtu għas-suldati ta' Ċestju, u dawn kellhom jaħarbu b'telf kbir.

Din l-ewwel rebħa aktar saħħnet l-imxewwxin kontra r-Rumani. Il-"moderati" jew daru magħhom jew telqu mill-belt. Imma r-rebbieħa setgħu jaħsbu li r-Rumani ma kenux sa jibqgħu taħtha telfa bħal dik, imma jerġgħu jiġu b'forzi akbar. Għalhekk hejjew rwieħhom għal taqbida aktar ħarxa. Ħażnu ħażniet kbar ta' qamħ, komplew il-bini tas-swar, u qassmu d-difiża tal-pajjiż bejn l-aħjar nies tagħhom. Fosthom kien hemm Ġużeppi, bin Mattija, żagħżugħ ta' 29 sena, li messitu l-Galilija u li wara kiteb l-istorja ta' dik il-gwerra.

Waqt dik it-tħejjija kollha l-Lhud kellhom ħsara kbira minħabba l-partiti ta' bejniethom, għax waqt li xi Lhud kienu kontra r-Rumani għal mewt, oħrajn kienu xi ftit imxaqilbin lejhom. U hekk qam il-ġlied bejn il-Lhud stess u nibtet il-firda meta l-aktar kellhom bżonn il-għaqda. Ġużeppi stess kien miżmum bħala partitarju tar-Rumani u kellu għedewwa fost ħutu l-Lhud.

L-aħbar tat-telfa ta' Ċestju li semmejna fuq waslet lil Neruni waqt li kien l-Akaja. Biex jitħallas talgħajb li għamlulu l-Lhud għażel bħala ġeneral 'l Titu Flavju Vespasjanu li dik il-ħabta kien l-Akaja mal-imperatur. Vespasjanu, li kien imħarreġ tajjeb fil-gwerra, hejja riġmenti mill-aħjar, niżel Tolemais u baqa' dieħel il-Galilija. Il-Lhud ta' Ġużeppi beżgħu, ħarbu u xterdu. Ġużeppi ħarab ukoll u mar jistkenn flimkien ma' oħrajn fil-fortizza ta' Jotapata. Wara li rebaħ tista' tgħid il-Galilija kollha Vespasjanu ħabat għal Jotapata. Imma din kienet għadma iebsa għal snienu, u dam 47 jum jitqabad sakemm rebaħha. Il-Lhud mejta kienu 40,000. Salvaw biss 1,200 il-biċċa l-kbira nisa u tfal. Il-belt kienet meqruda għal kollox. Ġużeppi baqa' ħajj, moħbi ġo bir. Kif ħelisha ma nafux. L-istorja li hu jgħid hi ħrafa. Hu xinhu, ngħaqad mar-Rumani u kien miżmum tajjeb minnhom, l-aktar meta ħabbar lil Vespasjanu u lil ibnu Titu li għad ikunu imperaturi. Wara Ġużeppi ħa l-isem ta' Flavju kif għadu magħruf sal-lum.

Fi ħruġ is-sena 67 Vespasjanu kien ġieb taħt idejh il-Galilija kollha u s-Samarija. Kien baqalu l-Lhudija u Ġerusalem magħha, li kienet għadma iebsa. Imma għaġla ma kellux u ried jimxi bil-mod biex dejjem iross il-Lhud. Għadda

x-xitwa f'Ċesarea jsaħħaħ il-forzi u jitkixxef l-aħbarijiet tal-Lhud li kienu kollha kif xtaqhom hu. Ġerusalem kienet għadha maqsuma f'żewġ partiti: is-"sħan" u l-"moderati". Is-sħan telgħu l-ħtija tattelfa tal-Galilija fuq il-moderati li kienu mxaqilbin lejn ir-Rumani, u biex dan ma jerġagħx jiġri f'Ġerusalem bdew inaqqu l-moderati sakemm qerduhom għal kollox u għamlu 'l Ġerusalem baħar ta' dmija. Dan kollu kien jaqbillu lil Vespasjanu, għax il-Lhud kienu dejjem jitilfu l-forza u jnaqqsu r-resistenza.

Fir-rebbiegħa tas-sena 68 Vespasjanu ħareġ minn Ċesarea, ħabat għall-bliet tax-xatt u rebaħhom. Dar man-nofsinhar ta' Ġerusalem, tela' lejn it-tramuntana, ħalla forzi ta' suldati f'postijiet importanti u reġa' daħal Ċesarea biex itemm l-aħħar tħejjijiet qabel ma jaħbat għal Ġerusalem.

Waqt li Vespasjanu kien Ċesarea jagħti l-aħħar daqqa t'id għattħejjijiet tal-gwerra, waslitlu l-aħbar tal-mewt ta' Neruni li ġrat fid-9 ta' Ġunju 68. Din l-aħbar ħabbtitlu l-pjanijiet kollha. L-ewwelnett l-ordni tal-gwerra waqfet sakemm tkun imġedda mill-imperatur il-ġdid. Barra minn dan, wara l-mewt ta' Neruni r-Rumani ma redux jibqgħu aktar taħt is-slaten tarrazza ta' Awgustu, l-ewwel sultan, u riedu jagħżlu sultan ieħor. Għalhekk x'uħud għażlu 'l Galba li kien magħruf bħala imperatur. Imma r-riġmenti li kienu l-Ġermanja għażlu 'l Vitellju, li missieru kien gvernatur tas-Sorija. F'Ruma ma reduhx il Galba u, mogħwijin minn Ottone, irvellaw kontra tiegħu. Fil-15 ta' Jannar 69 Galba kien maqtul u Ottone laħaq imperatur floku. Imma Ruma kellha imperatur ieħor, Vitellju, li kien magħżul mis-suldati tiegħu fil-Ġermanja. Dan nieżel Ruma; fit-triq iltaqa' ma' Ottone bis-suldati tiegħu; ħabtu għal xulxin; Ottone mar minn taħt u wara ftit ijiem neħħa ħajtu b'idejh, u hekk Vitellju baqa' waħdu imperatur ta' Ruma.

Waqt li Ruma kienet imħabbla mill-ġlied tal-imperaturi, l-Lhud ta' Ġerusalem kienu għadhom jitqatlu bejniethom. Il-belt kienet maqsuma bejn żewġ kapijiet Xmun bar Ġjora u Ġanni ta' Ġis-Ħalab, it-tnejn bil-partit tagħhom, li mlew 'il Ġerusalem bil-qtil u bl-għarukażijiet.

Vespasjanu ma kienx b'idejh marbuta għal kollox. Għalkemm ma setagħx jaħbat għal Ġerusalem, bħalma kellu f'moħħu, qabel ma jkollu l-ordni tal-imperatur, għamel ħarġa madwar Ġerusalem, rebaħ xi postijiet u żied iross u jagħlaq il-belt.

Imma issa ġrat ħaġa oħra li warrbitu mill-gwerra u mill-Palestina. Bħalma suldati oħra għażlu l-imperatur li riedu huma, is-suldati tal-Lvant, tal-Eġittu, tas-Sorija u tal-Palestina riedu huma wkoll jagħżlu s-sultan tagħhom. Bniedem aħjar minn Vespasjanu ma setgħux isibu, bniedem maħbub minn kulħadd, bniedem bil-għaqal u ta' dixxiplina kbira u mħarreġ sewwa fil-gwerer. U hekk Vespasjanu kien magħruf bħala imperatur fil-Lvant kollu. F'Ruma kien isaltan Vitellju, bniedem li moħħu f'żaqqu biss u li kien dejjaq u xebba' sa mneħirhom ir-Rumani kollha. Meta s-suldati ta' Vespasjanu daħlu Ruma, Vitellju ma sab 'il ħadd min jgħinu, staħba fil-palazz, sabuh u qatluh. U issa Vespasjanu sab ruħu imperatur waħdu. Ftakar fil-profezija li kien

għamillu Ġużeppi sentejn qabel u biex jurih kemm kien jafhulu neħħielu r-rbit ta' priġunier.

Fil-bidu tas-sajf tas-sena 70 Vespasjanu telaq lejn Ruma u ħalla f'idejn ibnu Titu biex ikompli u jtemm il-gwerra kontra l-Lhud.

P. P. SAYDON.

*(F'ħarġa oħra, il-Prof. Saydon jgħidilna kif ġrat il-ħerba tal-belt u l-ħruq tat-Tempju ta' Ġerusalem, fid-9 t'Awissu tas-sena W.K. 70)*

---

# KELMTEJN FUQ MEWT ĠESU'

Il-Mewt għażiża ta' Sidna Ġesù, ġrat f'Ġerusalem, il-belt il-kbira tal-Art Imqaddsa. Għalhekk il-qarrejja tagħna jkunu jistennew li niktbu xi ħaġa fuq il-ġrajja tal-imrar li kellu jgħaddi minnha Sidna sa kemm Ruħu nfirdet minn Ġismu, għas-saħħa tagħna l-midinbin.

### FIL-ĠETSEMNI

Ġesù għamel l-ikla tal-Għid ġewwa għorfa, qrib id-dejr tal-Qassis il-Kbir tal-Lhud, fin-naħa l-aktar għolja tal-belt, li jgħidulha Sijon. L-ikla kienet iddum sejra ħafna, għal hekk Ġesù u l-ħdax-il Appostlu (għax Ġuda kien telaq qabel) ħarġu minn hemm għal ħabta ta' nofs il-lejl. Aktarx li ġibdu min-nofs il-belt u ħarġu mill-Bieb tal-Fuħħarin (ara l-mappa ta' Ġerusalem li ġibna s-sena l-oħra) għal wied ta' Kidron. Mill-wied telgħu ftit 'il fuq fejn kien hemm għalqa bis-siġar taż-żejtun, jgħidulha Ġetsemni. Hemmekk hemm għar. Ġewwa fih Ġesù ħalla tmienja mill-Appostli u ħareġ barra u ħa miegħu lit-tlieta l-oħra: lil San Pietru u liż-żewġt aħwa, San Ġakbu u San Ġwann.

Lil Ġesù dak il-ħin qabdu biża' kbir. Biża' li jaqa' fuq kull bniedem qawwi sħiħ meta jkun jaf li



Il Blata tal-Agonija, ġewwa l-Bażilka tal-Ġetsemni.

sa jmut, u sa jmut bla ħtija. U barra minn hekk, Ġesâ kien jaf li sa jaqa' taħt idejn l-eqqell għedewwa tiegħu, li sa jagħmlulu mill-agħarr, u dan quddiem ommu l-għażiża u quddiem ħafna ħbieb, u kotra ta' nies li kienu jittamaw minnu l-ħelsien u l-hena tagħhom.

Għal hekk warrab naqra u xteħet għa'rkubtejh u baxxa wiċċu fl-art u beda jokrob u jgħid bi lsien tiegħu: "Abba, biegħed minni din is-siegħa. Imma m'hux kif irrid jien, kif trid int." Tliet darbiet mar fuq l-Appostli u sabhom reqdin. Imma għandu jkun li għad li kienu mani, ġejjin jaqbdu lil Ġesù. Dawn niżlu t-tarag tal-blat għal-ġewwa l-wied u telgħu n-naħa tal-Ġetsemni. Ġesù rahom u mar qajjem lil Appostli, biex ma jmorrux, bans, isibhom reqdin.

Dawk daħlu l-għalqa u daru ma' Ġesù. Ġuda resaq biesu u qallu dik il-kelma *ekwivoka*: "Salamtek, Rabbi!" San Pietru silet is-sejf, imma Ġesù mengħu. Qallu: "Rodd sejfek f'għantu, għax min iħareb, jitħareb!" Jiġifieri: *min jagħmel gwerra mal-oħrajn, l-oħrajn jagħmlu gwerra miegħu.* U dawk imbagħad rabtu lil Ġesù u ħaduh.



**Knisja mibnija mill-Franġiskani fuq il-post, fejn kien imsawwat Ġesù.**

mimdudin, ma kienux reqdin ittlieta. Xi wieħed donnu li kien imsenbaħ u sama' l-kliem ta' Ġesù, għax kieku ħadd ma semgħu, kieku ma kienux jiktbuħ.

## QUDDIEM IS-SANHEDRIN

Ftit wara, mill-bieb tat-Tempju, jew Ħakel, quddiem il-Ġetsemni sewwa, dehru ħerġin ħafna nies. Kien Ġuda mal-għassiesa u l-ħaddiema tal-qassisin u s-suldati Ru-

Aktarx li reġgħu daħlu bih fit-Tempju, minn fejn kienu ħarġu. Xi mkien hemm ressqu lil Ġesù għal ftit quddiem Ħanan, li qabel kien Qassis il-Kbir u tniżżel. Imbagħad ressquh quddiem Jusef Kajafa, il-Qassis il-Kbir ta' dak iż-żmien u l-miġimgħa tal-kbarat, jiġifieri s-Sanhedrin..

Ġib quddiem għajnejk lill-Qassis il-Kbir, u lil Ġesù: il-qaddej ewlieni t'Alla u l-Iben waħdieni t'Alla, kif kienu issa quddiem xulxin. Il-

Qassis qiegħed fuq tron għoli, liebes sabiħ, imkabbar, u mdawwar bil-ħbieb; u l-Iben t'Alla wieqaf fl-art, marbut bil-ħbula, kiebi u mdawwar bl-egħdewwa. Il-qaddej qarrieq t'Alla u l-Iben emin t'Alla quddiem xulxin! Imbagħad ġrat l-aqwa ġrajja tal-Laqgħa. Kajafa qam u rafa' idejh it-tnejn għannaħa ta' Ġesù, kif kien fl-art quddiemu u qallu: "Nħallfek b'Alla ħaj... li tgħidilna... jekk intix il-Messija, l-Iben t'Alla!"

Ġesù wieġbu u wieġbu aktar milli ried. Qallu: "Għedtu! U ngħidlek ukoll li lili għad tarani fuq il-



XHIEDA TA' KEMM BATA ĠESU' FIL-PASSJONI.
Xbieha tal-Ġisem ta' Kristu fil-Qabar kif għadha tidher fil-Liżar li fih keffnu Jusef t'Arimatija.
(It-tbajja bojod: ħruq fil-Liżar)

Lemin tal-Qawwa t'Alla, ġej fuq is-sħab tas-sema!''

L-Qassis il-Kbir, daqs kemm kien imkabbar, anqas biss qal lil Ġesù jfisser ruħu. Qatta' l-libsa ta' fuqu u għajjat li Ġesù kien qal *eresija*. U l-miġimgħa qatgħet li kien ħati tal-mewt. Għal hekk telqu lil Ġesù f'idejn il-qaddejja li qagħdu minn dak il-ħin sa fil-għodu jgħaddu ż-żmien bih.

waqa'. Jgħidlek: Jien sa naqla' rewwixta biex neħles bniedem mill-mewt? Għal hekk l-ewwel amar li jagħtu s-swat lil Ġesù u wara jo-ħorġu barra mis-sur tal-belt u jsal-lbuh.

It-tislib kien l-agħarr xorta ta' mewt li kienet tingħata fi żmien Ru-ma. Kienet il-mewt li tingħata lil-lsiera li jagħmlu xi deni lil sjiedhom u lil ħallelin li jinqabdu jisirqu fit-



Kappella tal-Franġiskani
Fuq il-Blata tal-Kalvarju.

### QUDDIEM PILATU

Fil-għodu malli sebaħ, il-miġimgħa tas-Sanhedrin reġgħet iltaqgħet u billi huma ma kellhomx jedd joq-tlu nies, bagħtu lil Ġesù għand Pi-latu, il-Ħakem tal-Lhudija, biex jaqtagħhielu għal mewt. Pilatu ma riedx jindaħal, u ried jeħles minn hawn jew minn hemm. Imma l-

Lhud baqgħu jrossuh u sa fl-aħħar trieqat. Lill-imsejken kienu jorbtuh jew isammruh, inkella jorbtuh u jsammruh f'daqqa ma' għuda wieq-fa u jħalluh hemm imut bil-ġuħ u l-għatx u l-ksieħ jew is-sħana, kif tkun, xitwa jew sajf. Nafu li Ġesù kien imsammar, għax dan kitbu ċar fl-Evanġelju tiegħu San Ġwann.

### IL-MEWT U T-TAGĦLIM

Ġesù dam ma' dwar tliet siegħat imsallab u mbagħad miet. Il-kotra u x-xorta ta' wġiegħ li ġarrab Ġesù ma' tul dal-ħin, uġiegħ fisiku u morali, jiġifieri fir-ruħ u fil-ġisem, qajla nistgħu nifhmuh. Biss ġib quddiem għajnejk kif għal sidna Ġesù, il-miżjien qaleb f'daqqa, mill-ogħla tas-sebħ, waqt li daħal jgħallem ġewwa t-Tempju, għal qiegħ nett tal-għajb, bil-mewt fuq is-salib.

Lil Ġesù tawh il-mewt iż-żewġ awtoritajiet kostitwiti ta' dak iż-żmien, l-awtorità Reliġjuża u l-awtorità ċivili. Il-Qassis il-Kbir tal-Lhud, daqs kemm kien jaħseb li hu nfallibbli, daqshekk ieħor żbalja, għax fl-Isem t'Alla bagħat għal mewt lil Iben Waħdani t'Alla. U Pilatu, għad li kien jaf sewwa li Ġesù ma kellux ħtija, kif hu stqarr kemm il-darba, bagħtu għal mewt bħala ħati, għax deherlu li hekk jaqbel, biex jingħoġob mal-Lhud. Mill-mewt ta' Ġesù jidher kemm itista' tkun qarrieqa dik li jgħidulha Ġustizzja tal-bnedmin.

BEN-JEĦUŻA.

---

# KELMTEJN FUQ ĦILLEL

Aħna l-Insara ġie li mmaqdru lil-Lhud u nqisuhom bħala nies mill-agħar. Meta niftakru fihom, mill-ewwel ifiġġ quddiem għajnejna kemm ħadmu kontra Ġesù biex jeħilsu minnu u joqtluh. Niftakru f'kemm il-Fariżin, li kienu Lhud, ħaqru lil Ġesù, għajjruh u żebilħuh bla heda. Tidher ukoll quddiemna, il-ġrajja ta' qsim il-qalb li ġrat fuq il-blata tal-Kalvarju, li fiha l-Lhud ħadu sehem kbir, għax kienu huma li ġegħlu lir-Rumani jsallbu lill-Imgħallem.

B'dana kollu ma għandniex ninsew li l-ewwel Insara kienu Lhud. U Ġesù n-nifsu kien Lhudi, imnissel minn Dar David. Marija u Ġużeppi kienu wkoll Lhud u bħalhom kienu l-Appostli. M'hux biss, imma wkoll qabel ma Ġesù xandar is-Saltna tas-Sema fuq l-art, Alla kien ħatar lil ġens Lhudi biex iħejji il-miġja ta' Ibnu fostna. Il-Patrijarki u l-Profeti u nies kbar oħra kienu Lhud, li bi qdusithom u b'tagħlimhom wettew it-triq għat-tagħlim tal-Messija. Dana ma għandniex ninsewh, għax jeħtieġ li nagħtu lil kull ħadd dak li ħaqqu. Hekk ma għandniex nonqsu li nfaħħru u nweġġħu lil dawk in-nies kbar Lhud li jiddu b'għerfhom u bi qdusithom.

#### IL-ĦAJJA TA' ĦILLEL

Fost dawn il-Lhud kien hemm wieħed li għex ħajja tas-sew sabiħa. Dan la kien Profeta anqas sultan; kien bniedem bħall-oħrajn. Imma matul ħajtu dawwal bosta mħuħ u kebbes bosta qlub bl-imħabba lejn Alla. Dan kien il-kbir Ħillel, imgħallem fil-Liġi ta' Mosè, kittieb mill-akbar, u raġel li għaraf iwettaq is-sewwa, u li reżaq lid-dinja tagħlim li jaqbel bil-bosta ma' dak li ftit wara xandar Ġesù mal-ibliet u r-rħula tal-Palestina..

Ħillel ma kienx mill-Palestina, imma twieled minn missier u omm Lhud fil-Babilonja, fejn il-għadd tal-Lhud kien kiber bosta u kellhom

imgħallmin ta' ħila kbira fil-Kotba Mqaddsa, li saħansitra kienu waqqfu skola għal dawn. Fuq missieru ma nafu xejn sewwa. Kull ma nafu fuq niesu hu li kellu ħuh jismu Xebna li kien fetaħ imħażen kbar u taha għal biegħ u x-xiri. Ħillel ma kienx għani u anqas ma sata' jkun, għax xogħlu kien biss li jitgħallem il-Kotba Mqaddsa. Meta kiber sewwa u laħaq il-erbgħin sena ħalla art twelidu u mar Ġerusalemm biex taħt imgħallmin kbar jifhem aħjar, mill-Kotba Mqaddsa, il-Kelma t'Alla u t-tifsir tagħha (Yer Pes. 33). F'Ġerusalem Ħillel sab dak kollu li xtaqet qalbu, għax kellu bi mgħallmin żewġ kittieba kbar: Xemajah u Abtalion (Deraxim Pes. 70, b). Wara ftit snin Ħillel sar mgħallem kbir fil-Liġi, u bejn is-sena 30 qabel Kristu u s-sena 10 wara Kristu, ismu idda bħala kewkba fis-sema tal-għerf Lhudi. Meta mietu Xemajah u Abtalion, il-Lhud kienu ħatru bħala mexxejja ġodda fil-Liġi ta' Mosè, lil ulied Bathira. Iżda ftit wara kull ħadd intebaħ li Ħillel kien aqwa minnhom. Ulied Bathira ħallew minn rajhom lil Ħillel jilħaq minn flokhom u għal hekk hu sar ir-rajjes tal-imgħallmin Lhud flimkien ma' għaref ieħor jismu Xammaj. Minn dak iż-żmien il-Lhud bdew isejħu lil Ħillel: *Ħa Żaken*, li tfisser: *Ix-Xwejjaħ*, laqam li juri ġieħ u qima. X'uħud jgħidu li kien ukoll maħtur *Nasi*, jiġifieri l-Kbir tas-Sanhedrin. li kienet il-ġemgħa ta' nies għorrief li kienu jmexxu lil-Lhud kollha f'dak li kellu x'jaqsam ma' ruħhom.

Il-ħidma kollha ta' Ħillel kienet mixħuta biss lejn it-tagħlim tal-Liġi u fuq dan huwa kiteb u għallem bosta. It-tifsir tal-Liġi li hu ressaq quddiem il-Lhud baqa' magħruf sal-lum, u ħafna mit-tifsir tiegħu kien imdaħħal fil-Haggada u l-Halaqa, kitba li kienet iddawwal irruħ tal-Lhud u tfissrilhom il-Liġi ta' Mosè.

### XOGĦOL TA' GĦERF

It-tifsir ta' Ħillel ma kienx jiebes bħal dak ta' Xammaj, li bħal Ħillel kien waqqaf skola oħra ta' għorrief. Xammaj kien mimli bih in-nifsu u ftit kien jagħder lil għajru. Moħħu kien dejjem fil-jżid ittoqol tal-Liġi. Kull min kien jimxi wara t-tagħlim ta' Xammaj, kien jiġrilu bħal Fariżin li kienu jħambqu ħafna lill-ħadd ieħor u huma bil-moħbi, jwettqu kull għajb. Ħillel bħal Kristu u Pawlu kien jagħder bosta, u jsib il-milja tal-Liġi fl-imħabba lejn Alla u l-bniedem.

L-aqwa amar li kien tagħa Ħillel bħal sies ta' tagħlimu kollu, kien dak li wara għallem San Pawl: "Dak li tobgħod int, la tagħmlux lill-għajrek". Ħillel kien jgħid li dan kien il-Liġi fil-milja tagħha; ilbqija ma hux ħlief tifsir. U hekk Ħillel wieġeb darba lil wieħed Pagan li xtaq jaf xi tgħallem fil-qosor ir-*Reliġjon* Lhudija. Dan *l-Amar tad-Deheb*, kif kienu jgħidulu l-Lhud, jaqbel sewwa mat-tagħlim ta' Ġesù kif jinsab fl-Evanġelju ta' San Mattew (k. XXII v. 3) u ta' San Mark (k. XII, v. 31) u ta' San Luqa (k. X, v. 27). Ħillel, bħal Ġesù jiġbed dal-amar mill-imħabba t'Alla għax kif jgħidu hu, min iħobb lill-għajru, iħobb ukoll lill-Alla, billi aħna l-koll ħlejjaq ta' ħallieq wieħed li hu Alla (Xab, 31, a). San Pawl għaraf dan it-tagħlim sabiħ minn għand Alla u wkoll tgħallmu minn għand l-imgħallem tiegħu Gamaliel il-Kbir li kien iben ta' bin Ħillel (Kol. k. III, v. 14;

Gal. k. V v. 14; Rom. k. XIII, v. 8).

Wara l-imħabba t'Alla, kien jgħallem Hillel, tigi l-imħabba lejn ruħna; imbagħad lejn ġisimna, u wara lejn ix-xirka tal-bnedmin. Kunna tinsab bħala mistiedna fuq din l-art u għandna d-dmir li nħobbuha u ngħinuha (Lev. R. 34). Ngħinuha, kien jgħidu hu, billi nagħmlu egħmejjel tajba u nwassluna fil-ħajja ta' dejjem. Inħobbu lil ġisimna, billi nżommuh nadif u safi għaliex huwa ħaġa għażiża bħala egħmil t'Alla u maqdes ta' ruħna. Imbagħad għandna nissieħbu ma' għajrna kemm fin-niket kif ukoll fil-ferħ. Hekk inkunu ngħinu lix-xirka tal-bnedmin, għax aħna l-koll uliied Alla wieħed (Tosef. Ber. 11).

Ma hawnx ħaġa oħra, kien jgħallem Hillel, ikrah mid-dnub, għax id-dnub idgħajjef lir-ruħ u joħnoqha u joqtolha. Id-dnub jgħarraq lir-ruħ fil-baħar tat-telfien ta' dejjem. Darba, meta kien ħdejn il-baħar u ra ħagra tegħreq, ftakar fil-midinbin u dar lejn l-ixirka tiegħu u qalilhom: "Din il-ġebla, la riedet tegħreq, ikolliha tegħreq. Hekk jiġri mill-midneb: irid jegħreq, u jkollu jegħreq" (Ab. II, 6).

### HAJJA QADDISA

Hillel ma kienx tajjeb fil-kliem biss, bħal ma kienu l-Farisin, imma kien jwettaq b'egħmilu dak kollu li kien jgħallem. Fuq kollox kien bniedem l-aktar ġwejjed. Kien iħobb jgħid lill-ixirka tiegħu: "Iċ-ċokon tiegħi hu ġiehi, u ġiehi hu ċ-ċokon tiegħi". Sewwa sew kif kien jgħid u jgħallem missierna San Pawl: "Nitrah biċ-ċokon tiegħi, sabiex Alla jissebbah fija". Għal hekk Hillel qatt ma kien jistħi jgħid li tnissel min-nies foqra mill-art imkasbra tal-Babilonja. Sa żmien Kristu kien għad baqa' qawl fil-Palestina li kien jgħid: "Oqgħod baxx, bħal Hillel" (Xab. 31, a: Ab. R.N. XV).

F'daru Hillel kien iżomm ħajja l-imħabba lejn għajru. Darba waħda martu ħallietu bla ikel, għax kien ġie tallab u hi tagħtu kull ma kienet hejjiet għal żewġha u għal wieħed mistieden li kellu miegħu. Meta talbet lil żewġha jagħdira, weġibha: "Li għamilt kien sewwa; dak hu li ridtek tagħmel".

Fost sħabu kien dejjem iżomm ruħu bgħid mit-taqsimiet tal-politka. Kien dejjem iħeġġeġ lin-nies biex jaħsbu f'ruħhom u jħarsu l-Liġi. "Il-ġisem sar mid-dud u dud jarġa' jsir; imma r-ruħ tibqa' għal dejjem", kien iħobb jgħid.

Hillel miet għaxar snin wara li twieled Kristu. Hu miet imma ismu baqa' ħaj u tagħlimu għadu jiddi fis-sbuħija tiegħu. L-ixirka tiegħu, l-aktar wieħed jismu Johanan Ben Zakka, fettxew li jwettqu dak li għallimhom l-imgħallem, u ħafna drabi Johanan kien ifittex iberred il-mibgħeda bejn l-aħwa Lhud u l-ġlied mar-Rumani. Dnub li l-ixirka tiegħu ma għarfux kolha t-tagħlim ta' Ġesù, li kien jixbah bil-bosta lit-tagħlim tal-imgħallem tagħhom.

P. GWIDU SCHEMBRI, O.F.M.

# IL-LINGWA TA' MALTA U L-LINGWA TA' ĠESU

Aħna, l-erba' jew ħames ajkijiet li niktbu f'dan il-Qari, il-kollha għaddejna xi snin il-Palestina, l-Art li fiha għex u miet Sidna Ġesù. Għal hekk il-lsien u d-drawwiet ta hemm, nafuhom sewwa. U billi f'dik l-art qisu xej ma jitbiddel, min jgħix hemm lil Ġesù isir jafu wisq aktar milli jafuh nies oħra. Isir jifhem kliemu u għemilu, għax qishom il-kliem u l-egħmil tan-nies li hemm il-lum. Lil Ġesù, aħna li konna hemm, nistħajluh xi ħabib tagħna, xi sehibna tax-xogħol, xi qaribna, li nafuh sewwa fil-ħajja u li issa miet, ilu xi sena jew tnejn.

Fid-dinja, min tgħożżu tgħożż ukoll it-tifkiriet tiegħu. Għal dan, ngħid għalija, bħalma ngħożż il-frak taż-żrar li ġibt miegħi mill-Palestina: mill-Blata tal-Agonija fil-Ġetsemni u mill-Blata tal-Golgol f'Ġerusalem, u minn wara l-Maxtura fil-Għewajjar ta' Bet-Lehem, hekk ukoll jien ngħożż il-kliem, bil-ħoss tiegħu ewlieni, kif ħareġ mill-Fomm Imbierek ta' Ġesù meta kien jgħix fuq l-art.

Għal hekk, meta nikteb xi ħaġa f'dan il-Qari, ma nħobbx nikteb, bħal li kieku, *lavrant,* bil-lsien ta' Ruma, imma nikteb *aġîr,* li tfisser bħal *lavrant* xorta waħda (wieħed li jaħdem għall-aġar, jew għal ħlas) li hi kelma Maltija ħorra u tinsab f'Dizzjunarji Maltin (ara ta' Caruana) u hi wkoll kif kien jgħidha Ġesù. Ma niktebx il-*Lvant* u *l-Punent* kelmiet ta' barra, imma nikteb *Xerq* u *Għarb,* li huma kelmiet Maltin, li kienu u għadhom jgħiduhom il-Palestina.

Hawn nies, li naħseb jien, ma jafux x'inhuma jagħmlu, li dalkliem ma jogħġobhomx. Moħħom għażżien wisq, għandu jkun, għax iridu kollox *ready made.* U ma humiex wisq *gentlemen,* milli jidher, għax bil-ġiħ u bla ġiħ, tagħhom u ta' għajrhom, għalihom xorta waħda. Bħal dak ir-raġel li smajthom isemmuh ftit ilu, minn pajjiż hawn Malta, li jgħid lil mara: "Jien l-aqwa li nsib l-ikel fuq il-mejda. Minn fejn ġibt il-flus biex xtrajtu, ma rridx naf".

* * *

Fost il-għorrief, uħud jgħidu li Ġesù kien jitkellem il-lsien Arâmi u oħrajn jgħidu li kien jitkellem bil-Lhudi. Sew l-Arâmi kemm il-Lhudi, jixbah ħafna lil Malti; għal hekk, kien jitkellem b'iex kien jitkellem Ġesù, il-lsien tiegħu kien jixbah lil Malti wkoll. Kien jixbah lil Malti tal-lum u wisq aktar lil Malti kif kien mitkellem dari. U hawn nixtieq, mill-ftit li naf, nagħti tiġribha (jiġifieri *prova*) ta' kemm il-lsien li kien jitkellem bih Ġesù, kien jixbah lil Malti ta' bil-ħaqq.

Fl-Evanġelju hemm ftit kliem miktub sewwa kif qalu Sidna Ġesù Kristu. Dan huwa *Râqa,* li tfisser *rieq,* kelma tista' tgħid Maltija. *Amîn,* li tfisser: *Emminni,* u kien jgħidha Ġesù bħal ma għadna ngħiduha aħna, bħal *enfasi,* qabel xi kliem, biex dak li jkun jemminna. *Geh-en-na,* li hi bil-Malti *Qiegħ innar,* isem ta' wied fil-Qibla ta' Ġerusalem, fejn kienu jixħtu l-ħmieġ u l-knis tal-belt u jaħarquh. *Qorbân,* jiġifieri l-*offerta,* il-ħaġa li *toqrob* biha lejn Alla. Il-lum ngħi-

du *Tqarbin*, meta *noqorbu*, nersqu, lejn l-artal. *Tolħda, qumi*, jiġifieri: Twelħda, qum. *Twelħda*, kienu jgħidu bħal ma aħna ngħidu: *ċkejkna*. *Effetaħ*, jiġifieri: *Infetaħ*, bl-ħ fl-aħħar, għad li bil-Grieg ma hix hemm, għax *h* fl-aħħar tal-kelma ma għandhomx. *Qobbáta* u *Golgolta* li jfissru: *Tal-Qobba* (qobba tfisser *ħnejja*, ara d-Dizjunarju ta' Falzun) u *Tal-Golgol*, bħal ma l-lum ngħidu *qarnita*, *Wardita* (ta' Warda, laqam) u *Għażżita* (ta' Għażża) u hekk. *Abba*, li tfisser dak li l-lum ngħidulu, ħażin wisq, *missier*. Għadha tingħad fir-rħula bla ma tingħaraf xi tfisser sewwa. Jgħidulha qabel il-qwiel: "Taf x' kien jgħid abba? Dak li tagħmel issib u dak li tiżra' taħsad". U għandna l-qawl: "Għid abba!" jiġifieri: "Sejjaħ lil missierek!" U fl-aħħar nett, *Heli, Heli, lamma żabâhtni*, li qal Ġesù minn fuq is-salib. Imma jien il-*prova* ma rridx nagħtiha minn fuq dal-kliem. Minn fuq kliem ieħor. Oqgħod ftit ħsiebek hawn ħalli tifhem sew.

L-Evanġelji huma erbgħa. Tlieta minnhom jgħidulhom Sinottki, għax jixbhu ħafna lil xulxin. F'dawna hemm xi kliem li qalu Ġesù jew xi ħadd ieħor, li ma jaqbilx. Dana jfisser li xi ħadd għelet, jiġifieri, ħa *żball*. Jew min kien jisma' lil Ġesù jitkellem, jew min kien itenni l-kitba jew min kien jaqleb mill-Arâmi, jew, Lhudi, għal Grieg. Xi ħadd ħa kelma b'oħra u issa baqgħet hemm. Imma biex tieħu kelma b'oħra, iż-żewġ kelmiet fil-ħoss iridu jkunu jixbhu lil xulxin. Isma' din li ġrat lili m'ilux.

Oħti għandha żewġ subien żgħar, wieħed ta' disa' snin u l-ieħor ta' sitta. Darba għedtilhom: "Jekk nhar il-Ħadd ikun it-tjieb (għax kienet ix-xitwa) neħodkom miegħi fuq Tal-Għolja". Iż-żgħir mar sab 'l ommu u qalilha: "Iż-żiju, nhar il-Ħadd, sa jeħodna miegħu fuq *dar għolja*". Jiġifieri ħa *żball* f'żewġ kelmiet li fil-ħoss jixbhu lil xulxin. Hekk ġara fl-Evanġelju.

Evanġelju ewlieni bil-Lhudi jew bl-Arami, ma hawnx. Għal hekk fejn hemm *żball* fil-Grieg ma tistax taraħ. Imma jekk tkun taf il-lsien tal-Palestina, iż-żewġ kelmiet li jixxiebhu, kif semmejna l-ewwel, issibhom malajr. Ejja naraw xi tnejn.

Fl-Evanġelju ta' San Mattew (K. III v. 11) hemm miktub li San Gwann il-Għammiedi darba qal: "Ġej wieħed warajja li hu aqwa minni; li jien ma jistħoqqlix li *nar-fa'* l-qorq tiegħu". U San Mark (K. I v. 7) kiteb li san Ġwann qal "ma jistħoqqlix *inħoll* (mhux *narfa'*) il-qorq tiegħu". U hekk ukoll kiteb san Luqa (K. III v. 16).

Biex tgħid li san Ġwann tkellem darbtejn u ma qalx kliem wieħed, trid iġġebbed l-Evanġelju, ħaġa li ma għandhiex tkun. Jaqbel mela, li bla ma nġebbdu, insibu żewġ kelmiet fil-lsien tal-Palestina, li jixbhu lil xulxin (u għalina, li jixbhu lil Malti); kelma tfisser *tarfa'* u kelma tfisser *tħoll*.

Il-kitba Xemija fiż-żmien li nkiteb l-Evanġelju kienet mingħajr vokali. Il-verb Tħoll kien jinkiteb HLL u tarfa' (taħmel) kien jinkiteb HML. Hawn saret il-għalta. San Ġwann qal: "Ma jistħoqqlix aHLeL (inħoll)" u xi ħadd qara jew fehem: "Ma jistħoqqlix aHMeL. Jiġifieri l-L tan-nofs fl-Evanġelju ta' san Mattew inkitbet M u baqgħet hekk. Kif jidher iż-żewġ kelmiet jixbhu lil Malti sew.

Miktub ukoll fl-Evanġelju ta' san

Mark, K. VIII v. 24, li meta Ġesù kien ifejjaq wieħed għama, saqsieh jekk kienx jara xi ħaġa. U dak wiġbu: "Nara n-nies; donnhom siġar nimxu" (bil-Grieg: Blepo tous anthropous; oti os dendra oro, peripatountas).

L-ewwel nett, la darba Ġesù ħadu għalieh waħdu, ma kienx hemm nies x'jara; it-tieni: ma tistax tgħid li bniedem jixbah lil siġra. Jeħtieġ ngħidu li hemm xi għalta, u nsibu l-kelmiet fil-Palestini x'kienu, u naraw jekk jixbhu lil Malti jew le.

Fil-Palestini, bil-lsien tal-Fellaħin (nies tar-rħula) raġel jgħidulu *żelme* u l-plural tiegħu *żlêm*. Hemm ukoll il-verb *sar, jasîr,* li tfisser *jimxi,* bħal ma aħna l-Maltin ngħidu *sejjer,* li tfisser *għiejed nimxi.* Fejn aħna ngħidu *dell* huma jgħidu *żell,* u l-plural tiegħu *żlêl.* U għandhom ukoll il-verb *xar, jaxir,* li tfisser *għiejed jixxejjer.*

Mela hawn tinsab il-għalta. Il-għama qal: "Żlêl ara; k'innhom xaġar axuf, jaxîru". Li tfisser: "Dellijiet nara; donnhom siġar nimxu, jixxejru". U min kiteb, il-kelma *żlel* ħadha *żlem,* u *jaxiru,* ħadha *jasiru.* Issa, *żell,* bil-lsien ta' Ġesù u *dell* bil-Malti, jixxiebhu; u *jaxiru* u *jixxejru,* jixxiebhu wkoll.

Turijiet bħal dawn hemm ħafna; imma biż-żejjed daqs hekk.

* * *

Biex ħadd ewlilla ma jaħseb li jien għiejed naqla minn żniedi, hawn sa ntenni xi kliem mill-ktieb ta' Matthew Black: "Aramaic Approach To The Gospels And Acts". Il-kliem li ntenni hawn ngħid ukoll f'liema sefħa, jew *faċċata* jinsab, biex min irid, jara b'għajnejh.

Miktub fl-Evanġelju (Matt. K. XI v. 17 u Luqa K. VII v. 32) li darba Ġesù qal, li n-nies ta' żmienu kienu bħal xi tfal jilgħabu fis-suq u jgħidu lil sħabhom: *Żemmarna lekem u la rakadtu; naħejna* (welejna) *lekem, u la karadtu* (Black, sefħa 119) li tfisser: "Żammarnielkom u ma rtakadtux (jiġifieri *ma żfintux,* għax il-Palestina hekk jiżfnu, jirtakdu u jitgħawwġu, 'l ura u 'l quddiem), newwaħnielkom u ma kridtux". *Tekred,* jew *teqred* tfisser tibki bħat-trabi u għadha tingħad ħafna hawn Malta. Kemm dal-kliem jixbah lil Malti, jidher ċar.

Il-kliem ta' Ġesù fl-Evanġelju ta' san Mattew K. IV v. 19, fil-ktieb ta' Black (sefħa 136) jinsab hekk bl-Arâmi: *La tiġimu li nefskem ġimât bi argħa; ġimu li nefskem ġimât bi semajja!* Li tfisser: "La tiġimgħu lilkom infuskom ġemgħat (teżori) fl-art; iġimgħu lilkom infuskom ġemgħat fis-smawwiet!" Jidher sewwa x-xebh bejn l-Arâmi u l-Malti. Il-kelma *argħa,* tfisser art bil-ħaxix fejn jirgħu l-bhejjem. Jista' jkun li Ġesù *ard* qal m'hux *argħa,* għax hekk għadhom jgħidu l-Palestina. Black aktarx li rabat fuq xi Arâmi miktub li qara hu.

Il-kliem ta' Ġesù lil ġemgħat miktub fil-v. 46 tal-K. V ta' san Mattew u l-v. 32 tal-K. VI ta' san Luqa, Black (sefħa 137) jaħseb li bil-lsien Arâmi għandu jkun hekk: *En ħabebtu men ħabebkem, ma ħaqq* (*tab*) *lekem?* Li bil-Malti tfisser: "Jekk ħabbejtu lil min ħabbkom, x'ħaqq (mertu, premju) għandkom?" Kemm jixbah lil Malti dal-kliem jara kull ħadd u ma hux meħtieġ li niġbdu fit-tul.

* * *

Hekk mela rajna kemm il-lsien li bih kien jitkellem Sidna Ġesù

Kristu meta kien fid-dinja, jixbah lil Malti (u fuq hekk m'hux dawn l-erba' kelmiet biss hemm x'tikteb, imma kotba shah); issa ghandi xi haġa xi ngħid lil dawk li jgemgmu ghax isibu xi kelma Maltija qadima miktuba, ghax jgħidu li hi tqila u ma jifhmuhiex. Nibdew minn haġa ohra u mbaghad naslu fuq dan.

Mela, san Pawl missierna, darba wahda sama' li xi rġiel Insara, minn Korintu, li kien nassarhom hu, kienu qeghdin imorru ghand in-nisa tad-dnub. Ghal hekk meta kellu ghax jikteb ittra twila lil Korinti, lil dawn ir-rġiel kitbilhom hekk (I lil Kor. K. VI v. 15):

"Ouk oidate oti ta somata ymon mele Khristoy estin? Aras oun ta mele tou Khristoy poieso pornes mele?" Li tfisser: *Ma tafux li l-igsma taghkom huma ishma ta' Kristu? Tiehdu, mela, l-ishma ta' Kristu u taghmluhom ishma ta' mara tad-dnub?*

U hekk nghid jiena wkoll lil dawn il-Maltin li jghidu li huma Nsara, qaddejja ta' Kristu, u jistkerrhu l-kliem Malti. "Ma tafux li kliem taghkom huwa kliem ta' Kristu? Ghandkom mela l-wiċċ *tost* u l-qalb ġiefja li twarrbu l-kliem ta' Kristu biex tinqdew bi kliem ta' ġnus hżiena?"

FRA PAWL, O.F.M.

---

# KIF IL-LHUD IHARSU L-GHID

Meta Mosè ried johroġ lil-Lhud minn art il-Masar u s-Sultan ta' hemm ma riedx, Mosè habbar lis-Sultan li bhala ghedieb talli ma riedx ihallihom jitilqu, fil-lejl tal-14 tax-xahar Nisan, l-Anġlu t'Alla kellu jghaddi minn fuq dik l-art u joqtol kull bikri tan-nies u tal-bhejjem. Mosè amar ukoll lil-Lhud biex dik inhar kull sid dar joqtol haruf u jiżbogh b'demmu wirek il-bieb, biex hu u ghaddej l-Anġlu l-qattiel jaghraf id-dar fejn jghammru l-Lhud u ma joqtlilhomx il-bkura taghhom.

Dak li habbar Mosè sahh, u fl-ahhar Sultan il-Masar halla lil-Lhud jitilqu. Meta Mosè kien sejjer binnies lejn il-Palestina, kiteb lil-Lhud dan il-kliem: "Il-jum 14 ta' Nisan ghandu jkunilkom jum ta' tifkira. Ghandkom tharsuh bhala Ghid, u tqaddsuh lil Mulej ghal dejjem, minn nisel ghal nisel. (ktieb tal-Hruġ, XII, 14). U ghal hekk il-Lhud biex jisimghu minn Mosè, ghadhom sal-lum jaghmlu l-akbar Ghid taghhom fil-15 ta' Nisan.

It-thejjija ghal Ghid il-Kbir issir kif sa nghidu hawn. Ftit jiem qabel inaddfu tindifa kbira lid-dar kollha u kull ma fiha. Ibajjdu u jiżbghu u jahslu l-art u jogħorku tajjeb il-borom u t-twaġen u kull haġa li jsajru fiha. Fit-13 ta' Nisan, fil-ghaxija, sid id-dar jaghmel *it-tiftixa ghal hmira*. Ghax billi Mosè amarhom li fil-jiem tal-Ghid ma ghandhomx ihallu f'darhom ebda hobż mehmur (Ktieb il-Hruġ, XII, 15), jisimghu minnu kif imiss. Sid id-dar mela iqieghed nitfa hobż mehmur żghira fejn jaraha kull hadd, aktarx fuq hoġor ta' tieqa kbira, fid-dar. Imbaghad jixghel xemgha u jghid talba u jibda jfittex fir-rkejjen tad-dar, fis-sniedaq u fuq il-farxiet. F'idu jkollu qatta żghira rix tal-wiżż u kull fejn isib frak tal-hobż, jikinsu bir-rix ghal ġewwa luh żghir li jkollu f'idu l-ohra. Fl-

aħħar, meta jfittex kull imkien, jiknes ukoll għal ge' l-ruħ dik il-fetta ħobż li jkun qiegħed ġewwa ħoġor it-tieqa. Imbagħad jorbotha f'ċarruta mal-frak l-ieħor li jkun sab u jdendilha mas-saqaf fuq musbieħ jixgħel, biex ma' tul il-lejl dak il-frak ma jilħquhx il-ġrieden u jerġgħu jxerrduh mad-dar. Wara dan jistqarr, bil-lsien Lhudi li huwa jqis bħala trab, il-frak tal-ħobż meħmur, jekk baqa' xi ftit x'imkien li ma sabux huwa. Il-għada, ftit qabel nofs inhar, dik is-sorra żgħira frak tal-ħobż, sid id-dar jaħraqha.

Fl-14 ta' Nisan lil iben il-bikri tad-dar il-Lhud iġiegħluh isum, bħala fidwa u tifkira ta' meta l-Anġlu għadda minn art il-Masar u qatel il-bkura kollha. Fil-għaxija s-subjien kollha jilbsu l-aktar libsa sabiħa li jkollhom u jmorru għall-għasar il-knisja tagħhom. Wara li jiġu mill-knisja, jsibu mhejjija l-mejda tal-għaxa jew ikla tal-Għid. Dil-mejda, il-Lhud Askenażim (jiġifieri tax-Xmiel tal-Ewropa) jgħidulha *Seder* u l-Lhud Separdim (jiġifieri ta' Spanja) jgħidulha *Ħaggada*.

F'ras il-mejda jitqiegħed siġġu tad-dirgħajn bi mħadda fuqu għal sid id-dar, u ħafna drabi l-mara tiegħu wkoll ikollha siġġu kbir imhejji. Fuq il-mejda quddiem is-sid ikun hemm platt u fuqu tliet ftajjar tal-ħobż bla ħmira, jgħidulhom *mażżôt*, misrurin waħda waħda ġewwa ħrieki bojod nadifa. Fuq dawn jitqiegħed platt ieħor b'wirk ta' ħaruf mixwi, li jfisser il-ħaruf tal-Għid u bajda misjura li tfisser il-*Ħaġiġa*, jew għotja li dari jagħtu lil Mulej fil-Ħakel ta' Ġerusalem. Fuq il-mejda jkun hemm ukoll ħafna platti bil-ħaxix morr, bħal ħass u sija (dak li bl-Ingliż jgħidulu *water-cress*) u fiġel u bieqja b'għasida li jgħidulha *Keroset*, magħmula minn frott imqadded mgħolli fl-inbid u l-ħall. Ikun hemm ukoll qdieħ (jew *tazza*) mimlija bl-ilma bil-melħ, li jfisser id-dmugħ li xerrdu l-Lhud meta kienu fil-jasar fl-art tal-Masrija. Waqt l-ikel jixorbu erba' qdieħ inbid, li jfissru l-erba' wegħdiet li Alla wiegħed lil-Lhud meta kienu fil-jasar. Il-wegħdiet huma: li joħroġhom minn taħt idejn il-Masrin; li jeħlishom mill-jasar; li jgħaddeb lil Masrijin; li jeħodhom bħala tajfa tiegħu. Qdieħ ieħor bl-inbid iħalluh fuq il-mejda għall-Profeta Elija li hu mistenni li jiġi f'Għid il-Kbir, qabel ma jidher il-Messija.

Meta n-nies kollha tad-dar, sewwa l-ulied kemm il-qaddejja, joqogħdu ma' dwar il-mejda, sid id-dar iqum bil-wieqfa u jferragħ l-ewwel qadaħ inbid u jgħid talba li biha jbierek l-inbid u kull ma jkun hemm fuq il-mejda. Imbagħad joqgħod bil-qegħda, imil fuq minkbu x-xellug u jixrob l-ewwel qadaħ inbid u l-koll jagħmlu bħalu.

Wara dan sid id-dar jerġa' jqum u jaħsel idejh u jerġa' joqgħod bil-qegħda u jitteka fuq minkbu x-xellugi u jibda jiekol il-ħaxix morr miblul fl-ilma mielaħ u jagħti ftit lil kull wieħed li jkun hemm fuq il-mejda. Imbagħad jieħu mill-platt waħda mill-ftajjar *mażżôt* u jaqsam nofsha u jaħbiha taħt imħadda, u n-nofs l-ieħor iqattgħu bċejjeċ żgħar u jagħti biċċa lil kull min ikun fuq il-mejda. Dawna jqumu, jgħollu l-biċċa tal-ftira miżża lejn is-sema u jgħidu: "Dan huwa l-ħobż tan-niket li misserijietna kielu f'art il-Masar". U jekk ikunu barra mill-Palestina jgħidu wkoll: "Dis-sena hawn; sena oħra

f'Ġerusalem. Dis-sena lsiera, sena oħra ħelsin".

Imbagħad iqegħdu l-biċċa ftira quddiemhom u t-tifel iż-żgħir taddar isaqsi lis-sid: "Għaliex il-lejla qegħdin nieklu ħaxix morr u ħobż miżż, u mitkijin fuq minkibna?" U sid id-dar jibda jgħid lilu u lil kull min jisma' kemm ħabbhom Alla lill-Lhud u kemm ġid għamlilhom u kif ħelishom mill-jasar tal-Masrijin. Wara jgħannu jew jgħidu l-ewwel qasma tal-Hallel, li hi s-Salmi, mill-għadd 113 sal 118, u jixorbu t-tieni qdieħ li jgħidulu *Haggada*, wara li jgħolluh lejn is-sema. Wara dan jaħslu jdejhom janġa' jaqsam ftira u jberikha u jiekol ftieta minnha miblula fl-ilma mielaħ u jagħti wkoll lil dawk tal-mejda. Jagħtihom ukol ħaxix morr miblul fil-*keroset* u biċtejn żgħar ftira li f'nofshom ikun hemm qatgħa żgħira figel, tifkira ta' Hillel, Lhudi qaddis, li kien jiekol fil-Għid ħobż miżż u ħaxix morr u laħam tal-ħaruf imkebbin flimkien.

Imbagħad iġibu ikel ta' ħafna xorta misjur kif isajjru l-Lhud. Fl-aħħar tal-ikla wieħed tifel żgħir imur iġib dik in-nofs ftira li ħeba taħt l-imħadda sid i-dar.

Hawn is-sid jiżżi ħajr 'l Alla u jferragħ it-tielet qadaħ inbid, u l-oħrajn jagħmlu bħalu. Wara li jixorbuh, is-sid iferragħ il-qadaħ li jkun hejja għal Profeta Elija. Dak il-ħin dawk kollha li jkunu fuq il-mejda jibqgħu għal ftit tal-ħin sektin, bla ma jagħmlu ebda ħoss anqas jgħidu ebda kelma. Imbagħad jitthu bieb id-dar u jibdew jidgħu u jisħtu lil dawk li m'humiex Lhud, jigifieri lil dawk li ma jemmnux. Did-drawwa ma kenitx minn dejjem, imma miż-żmenijiet tan-nofs, meta l-Lhud kienu minn kull-ħadd maħqura.

Wara dan jgħannu jew jgħidu t-tieni taqsima tal-*Hallel* u xi talba u jixorbu r-raba' qadaħ inbid. Fl-aħħar nett jitolbu 'l Alla li jilqa' t-talb li talbu u t-tifkira li għamlu tal-Qawwa tiegħu meta ħelishom minn art il-Masar.

Għad li l-Liġi tal-Lhud tgħid li għandhom jagħmlu dan il-Għaxa tal-Għid fil-lejl tal-14-15 ta' Nisan, u fil-21-22 tax-xahar biss, hemm ħafna Lhud li jerġgħu jagħmlu hekk ukoll fil-lejl 15-16 u 22-23 biex jekk Alla ma jilqax l-ewwel Għid, jilqa' t-tieni.

Il-Għid huwa fil-15 ta' Nisan, imma s-sitt ijiem ta' warajh ikunu għejjeda tal-ħobż miżż, bla ħmira, u minnu biss jistgħu jieklu. Ma' tul dawn il-jiem fil-knejjes tal-Lhud ikun hemm il-Għasar u kull Lhudi li jħobb id-djiena tiegħu, għandu jaħdar għalieh.

Patri G. FACCIO, O.F.M.

---

## IL-"GLORIA PATRI" BIL-PALESTIN U BIL-MALTI

El-meġd 'lil Ab u 'l Iben u wa 'l Ruħ il-Qodos. Ka ma kan fil-ebtidâ, alân u kull awwân, ila d-deher id-deherîn. Amien

Is-sebħ lil Missier u lil Iben u lir-Ruħ il-Qodos. Kif kien fil-bidu issa u dejjem, għala dejjem ta' dejjem. Amen.

# MEWT U DIFNA GĦAND IL-QOPTIN

Il-Qoptin il-Mifruda, għal kemm huma mitlufin fuq Dinhom u jagħtu ħajjithom għalieh, jieħdu ftit wisq ħsieb tas-Sagramenti: tal-qrar, tat-tqarbin u tal-griżma tal-morda. Kotra kbira minnhom jitqarbnu darba biss f'ħajjithom kollha u hemm għadd kbir sewwa li ma jqerru u jitqarbnu qatt. Għaliehom is-Sagramenti huma ħaġa li n-nisrani jista' jgħaddi mingħajrha. Il-ħtija ta' dan huma l-qassisin tagħhom li ftit jieħdu ħsieb jgħallmuhom; u jħalluhom għar-rashom, kull ħadd jifhimha kif irid.

Il-qassis jew *Huri* Qopti, iżur lill-Insara li jkollu għenelli fi ħsiebu, darba fis-sena biss, meta jmur għandhom jberkilhom id-dar. Dan it-tberik, fil-lsien tagħhom isemmuh *Il-Qandil,* jiġifieri li-Imnâra (jew il-fanal, il-mixegħla), għax id-djar ma jberkuhomx bl-ilma mbierek, bħal ma nberkuhom aħna. It-tberik tagħhom hu filli l-qassis jiġi d-dar tagħhom u jixgħel seba' ftejjel ġewwa bieqja mimlija biż-żejt u jgħid qatiegħ talb. Wara li l-qassis jagħmel dan, sid id-dar jagħtih xi ħaġa tal-flus sewwa. Imbagħad il-qassis jitlaq u qabel sena ma jarġâx jiġi.

Għal hekk, fi żmien it-tberik, il-qassis imur l-ewwel għand in-nies tat-tajjeb, li jistgħu jħallsu; għal foqra, imbagħad jara, għax dawn la ma jkollhomx flus, anqas ma jkollhom jedd għat-tberik.

Hekk ukoll jagħmlu fejn ikun hemm il-morda. Meta jkun hemm xi ħadd marid, jekk ma jkunx jista' jħallas, il-qassis ma jmurx jarah, u għal hekk tista' tgħid li l-foqra kollha jmutu mingħajr Sagramenti. Il-ħtija ta' dan tkun ħafna drabi tal-qraba tal-marid, li biex, jekk jistgħu, ma jħallsux flus, ma jmorrux għal qassis ħlief meta l-marid ikun fl-aħħar nifs. Din xejn ma jarawha bi kbira, għax għandhom ukoll fehma kerha f'rashom, li tixbah ħafna lil *fataliżmu* tal-Misilmin, li dak il-bniedem li hu miktub minn Alla li għandu jmur il-Ġenna, il-Ġenna jmur, jieħu u ma jieħux Sagramenti.

* * *

Mela, malli n-Nisrani Qopti jagħlaq għajnejh għal dejjem, jiġifieri jmut, in-nisa tad-dar jibdew jibku u jgħajjtu kemm jifilħu u jagħtu fuq wiċċhom u jqattgħu xagħarhom u jċarrtu ħwejjiġhom u jgħidu ħafna kliem ta' niket fuq il-mejjet. Wara dan, jingħalqu ġewwa għaliehom weħedhom, jilbsu lbies iswed u joqogħdu bil-qegħda fl-art fuq ħasira u jiġu ħafna nisa oħra fost il-ħbieb u l-qraba u joqogħdu bil-qegħda magħhom. Imbagħad tqum mara minnhom u tibda tgħid xi kliem ta' tifħira fuq il-mejjet, u kif tiskot, in-nisa kollha jinfexxu jibku u jixhru għat-tul. Wara ftit tqum mara oħra u tagħmel hekk ukoll u l-bqija tan-nisa jerġgħu jibdew jibku u jixhru, u jibqgħu sejjrin hekk. Dawn in-nisa għandhom ħabta hekk kbira li jsibu u jgħidu kliem ta' qsim il-qalb u niket, li min ikun hemm iħoss ħasra kbira għal mejjet u jrid u ma jridx ikollu jibki imqar jekk ikun barrani minnu u anqas ma jafu biss.

Ma tul dal-ħin, jekk il-mejjet ikun raġel, jiġu r-rġiel tar-raħal u jaħslu l-katavru u jilbbsuh u jkeffnuh għad-difna. Jekk il-mejta tkun mara dan ix-xogħol ta' ħasil u tik-

fin jagħmluh in-nisa. Il-qassis jiġi fl-aħħar, meta jkun kollox mitmum, qabel ma jġorru l-mejjet għad-difna, u jġib miegħu xi tfal subjien. Il-qassis jagħmel qatiegħ ċerimonji twal għall-aħħar u hu u t-tfal jgħannu għana ta' swied il-qalb b'ħafna krib, tnehid u tnewwih. Wara li jkun sar dan kollu, iġorru l-mejjet għal maqbar. Ir-rġiel biss imorru jwasslu l-mejjet sal-qabar, imma n-nisa jibqgħu d-dar. Wara d-difna, li ma jkun fiha xej barrani, kull ħadd jarġa' lejn dar il-mejjet: ir-rġiel, il-qassis u t-tfal; u nies il-mejjet jagħtu lil kull wieħed bieqja żgħira kafè morr. Il-qassis jgħid minn moħħu xi kliem tal-Kotba Mqaddsa u jfissirhom kif ikun jaqbel għal dik in-nhar u mbagħad jitlaq lejn id-dar.

Wara tliett ijiem nies il-mejjet imorru għand il-qassis u jitolbuh biex jarġa' jiġi għandhom u jagħmel it-talb meħtieġ biex ruħ il-mejjet titlaq mid-dar. Għax huma jaħsbu li r-ruħ tal-mejjet wara li toħroġ mill-ġisem tibqa' ġewwa d-dar, u hemmekk, mingħajr ġisem, tkun tbati. Għal hekk iġibu l-qassis jitlob it-talb biex ir-ruħ toħroġ middar. U wara li jagħmel dan, bħal dari, jagħtuh xi ħaġa sewwa talflus. Jekk ma jmorrux għal qassis huma, imur hu minn rajh u jgħajjat magħhom għax ma jkunux marru għalieh, għax ikunu wrew li ftit għandhom twemmin. Il-qraba u l-ħbieb jibqgħu jmorru għand nies il-mejjet għal xi erbgħa jew ħamest ijiem u joqogħdu bil-qegħda fl-art fuq il-ħasira u jfaħħru l-mejjet u jibku, bħal ma kienu għamlu qabel u kull darba jitqassmu l-bwieqi tal-kafè morr.

* * *

Waħda mill-għaltiet li għandhom f'Dinhom il-Qoptin hija li ma jemmnux li jinsab il-Mattar, jew *Purgatorju*, u jżommu li min imut imur mill-ewwel jew il-Ġenna jew fil-ħruq. Biex isaħħu kliemhom jgħidu li fil-Kotba Mqaddsa mkien ma hu msemmi l-Matħar, jew *Purgatorju*. Imma dan jgħiduh bil-kliem biss, għax b'egħmilhom juru li ġo qalbhom jemmnu li hemm Matħar, daqs kemm jemmnu l-Kattoliki jew aktar. Ara kemm hu hekk, li fittalb tal-mejtin il-qassis wisq drabi jgħid: "Mulej, henn għar-ruħ ta' dan il-mejjet, u daħħalha miegħek fis-saltna tal-Qaddisin, etc.". Mela, jekk ir-ruħ ma jkollhiex xi dnub ħafif li żammha barra mill-Ġenna, għal fejn jitolbu 'l Alla li jdaħħalha? U fil-Quddiesa wkoll għandhom bħal Kattoliki, it-Tifkira tal-Mejtin (memento mortuorum) u fih il-qassis jgħid: "Muleja, iftakar f'dawk li mietu qabilna u iddilhom id-dawl tiegħek u agħtihom il-mistrieħ ta' dejjem mal-Qaddisin u l-Appostli, etc.". U wara erbat ijiem fuq il-mewt ta' dak li jkun, jagħmlu quddiesa għal mistrieħ ta' ruħu.

Il-Għid tal-Imwiet, għal Qoptin, huwa l-Erbgħa tad-Dlam (l-Erbgħa tat-Tniebri, qabel il-Ġimgħa l-Kbira). Nhar l-Erbgħa tad-Dlam, il-Qoptin ġewwa l-knisja jammaw mejda u fuqha jqiegħdu bħal ġarra kbira tal-fuħħar bil-ġamar jaqbad ġewwa fiha u ma' ġenbha bieqja mimlija bit-trab tal-bħur; jiġifieri, lubien imfarrak u midkuk irqiq. Kull min jidħol il-knisja, jersaq lejn il-mejda u jieħu qarsa minn dak it-trab tal-bħur u jroxxu fuq il-ġamar ta' ġewwa l-ġarra u kif ikun tiela' d-duħħan isemmi isem il-mejjet li għal ruħu jkun ħaraq dak il-bħur. Kull bniedem jista'

jaħraq bħur għal ruħ kemm mejtin irid, u jista' wkoll jaħraq bħur darbtejn u tlieta għal ruħ ta' mejjet wieħed. Imbagħad, daqs kemm bħur ikun ħaraq, daqs hekk ikollu jqiegħed flus ġewwa bieqja oħra li tkun fuq il-mejda wkoll, u wara jeħodhom il-qassis.

Hemm drawwa oħra li nies il-mejjet imorru fuq qabar il-mejjet għal rashom u jieħdu magħhom kwienen u borom. Meta jaslu hemm, iqabbdu n-nar fil-kwienen u jgħallu l-qamħ fil-borom u jsaffuh u jroxxu fuqu ż-żokkor u jħalltu miegħu ftit ħelu u jgħajjtu lil foqra u t-tallaba (li dejjem ikun hemm minnhom qrib l-oqbra) biex kull wieħed jew waħda, jieħdu qabda, qamħ u jekluha għar-ruħ il-mejtin. U mbagħad jistqarru li ma jemmnux bil-*Purgatorju*, jiġifieri bil-Matħar!

Jekk issaqsi lil xi qassis jew xi raġel Qopti għaliex jagħmlu hekk la darba ma jemmnux fil-Matħar, iwieġbek li dawk huma drawwiet qodma, li għadhom jitħarsu imma li xej ma jiswew għal ruħ il mejtin. U jekk iġġiblu t-turijiet kollha, mill-Bibbja (kotba tal-Makkabin) u mill-kotba tas-Santi Patri u mix-xnijjiet, jew *tradizjoni*, kollu għal xejn, għax ma jseħħlek qatt li ġġiegħlu jemmen. Għal hekk ma jibqax ħaġa oħra x'wieħed jagħmel għajr li jitlob għalieh biex Alla jagħtih id-dawl; u jekk ikun marid, li jmur jagħmillu xi żjara u jħejjih mill-aħjar li jista' għal mewt.

P. GUZEPPI CREMONA O.F.M.

---

IT-TIENI TAQSIMA — **IMĦABBA**

# IT-TBERIK FIS-SALT

L-Ingliżi, minn żmien żemżem, joħorġu ktieb darba fil-ġimgħa, kollu tiswir, jismu *Illustrated London News*. F'waħda minn dawn il-ħarġiet, xi sena ilu, kien hemm kitba msemmija: "A Prophet Honoured In His Own Country", fejn fiha l-kittieb tkellem fuq *statwa* ta' Sant'Elija maħduma minn naqqax mill-Palestina u mwaqqfa fuq Ġebel Karmel, fuq ir-riħ ta' Ħajfa, il-Palestina wkoll. F'ritratt mir-ritratti jidher qassis, ma' raġel ras kbira; il-qassis, miktub taħtu li hu Monsinjur Vergani, Delegat tal-Patrijarka Latin fil-Galilija.

Dak il-Monsinjur, meta kien għadu qassis biss, ftit wara li qaddes l-ewwel quddiesa, kienu bagħtuh kappillan tal-Latini f'belt jisimha s-Salt, fit-Transġordanja. Jiena, dak iż-żmien kont ngħallem naqra tal-iskola hemmhekk, għal hekk lil Dun Vergani nafu sewwa. M'hux talli nafu, talli meta kien imur għand l-Insara xi mkien bgħid mill-belt, ġewwa r-raba' (għax hemm minn waħar ir-rebbiegħa sa bokor ix-xitwa, ħafna nies imorru jgħixu ġewwa kmamar jew għerien fir-raba') kien jgħiddli biex immur miegħu. U jien kont immur bil-qalb, għax inħobb nara xi ħaġa għariba. Darba, wara Għid il-Kbir, mar jbierek 'dar' tal-Insara fuq ġebel għoli u jiena mort miegħu. U hawn sa nikteb dak li għadni niftakar fuq dik il-mawra.

Mela, tlaqna għal ħabta tas-sagħtejn u nofs jew it-tlieta, Dun Vergani u jien. Hu żamm il-ktieb u jien żammejtlu l-imraxx u l-istola. L-ewwel qsamna triq imbagħad bdejna telgħin telgħa xorija, hemm, fuq ir-riħ tal-belt. Għall-ewwel it-telgħa kienet bħal sqaq tar-raba' imbagħad għalqet u saret trejqa.

Telgħin u telgħin, qalb ix-xewk u l-ħaxix u l-ħaġar. Tlajna minn bħal taraġ dejjaq, maqtugħ fil-blat u kif wasalna fuq, ħarġu għalina xi seba' jew tmint iklieb tal-Għarab, b'denthom merfugħ 'il fuq, munxar suf fuq daharhom, snienhom mikxufa, jinbħu għalina. U f'daqqa feġġet mara, għajtet mal-klieb, li telqu lilna u bdew jinbħu wieħed għall-ieħor, u qalet lil Dun Vergani: "Tfaddlu, Abuna!" (jiġifieri: *Idħlu, sur kappillan*!).

Morna warajha u lmaħna d-'dar'. Id-dar kienet għar imħaffer f'ħanek tal-blat wieqaf. Għax hemmekk, l-istħa tad-djar, jiġifieri l-bjut, ma jagħmluhomx tas-siment jew tad-deffun, bħal Malta. Isibu blata ratba u bajda, iħaffru fiha u jieħdu dak it-trab. Iħalltu miegħu tiben tar-rqiq, jagħġnuh u jagħmlu l-bjut bih. Dan il-għar fiż-żmien kien taħfira minn dan it-taħfir li għiejed insemmi, li wara li xebgħu jieħdu t-trab minnu, marru jgħammru fih in-nies. Hemm ħafna għerien oħra bħalu. Kif wasalna naraw ir-raġel qiegħed fil-bieb jistenniena. Qalilna "Tfaddlu!"[1] (idħlu) u dħalna. 'Il ġewwa mill-bieb kien hemm bħal kamra; il-għar kien jibqa' diehel 'il ġewwa kemm il-naħa imma kien nofs magħluq b'ħajt tas-sellieħ. Ir-raġel ġieb saqqu, meddu fl-art mal-ħajt (għax għand il-bdiewa siġġijiet baħħ) u qalilna noqogħdu fuqu. Aħna qagħadna u ġebilna platt biż-żbib u ieħor bil-biċċiet tal-*ħabisa*. Ħabisa tkun donnha ġilda ħoxna, magħmula mil-laħam tal-għeneb u żerriegħa tal-ħlewwa u mqegħda bejn biċċtejn xoqqa nadifa u mqadda fix-xemx. Bdejna nnaqqru l-ħabisa u ż-żbib u nitkellmu.

F'nofs il-għar, f'ħofra fl-art kien hemm nar imqabbad. Ir-raġel qiegħed taġen żgħir tal-ħadid bil-maqbad twil fuq dak in-nar u ġieb il-kafè sħieħ u qegħdu f'dak it-taġen u beda jħammsu, jiġifieri *jinkaljah*, quddiemna. Meta tħammas, neħħieh u qiegħed *brik* (bħal stanjata żgħira tal-inħas) bl-ilma fuq in-nar. Ġieb mehrież kbir tal-għewwied, xi daqs siegħ, imżejjen bir-rjus ileqqu tal-imsiemer u xeħet fih il-kafè mħammas u beda jdoqqu, jiġifieri jħerrżu. U hu u jħerrżu, ħabbat il-lida fuq xfar il-mehrież li jagħmel ħoss sabiħ: *To-to-tumm*! *Tumm-tumm*! *To-to-tumm*! *Tumm-tumm*! Meta l-ilma tal-brik fetaħ jagħli, neħħa l-kafè mill-mehrież u xeħtu fih. Qabad il-widna tal-brik, warrbu u qegħdu fuq in-nar tliet darbiet u l-kafè kien misjur.

Imbagħad ġieb gabarrè u fuqu erba' fnagen, jew kikkri żgħar bla widna. Ferragħ ftit kafè f'kikkra minnhom, minn din sawwbu għal ġewwa l-oħra, imbagħad għal ġewwa l-oħra u l-oħra u dina tal-aħħar xorobha hu. Raġa' mela bil-kafè l-kikkri kollha imbagħad ressaq lil kappillan wara lili, ħa kikkra hu u fl-aħħar newwel kikkra lil mara.

Hawn nistħajjel li xi ħadd jixtieq jaf għal fejn il-Għarbi qagħad iferra' l-kafè minn kikkra għal kikkra u l-aħħar kikkra xorobha hu. Ngħid is-sewwa qatt ma smajt, imma nista' naħseb il-għaliex. Jagħ-

mel dan biex juri lil mistednin li l-kikkri ma fihomx semm. Għax kieku jkun fihom is-semm, la darba l-kafè għadda minnhom kollha u fl-aħħar xorbu hu, kien imut hu l-ewwel wieħed.

Mela, wara li xrobna l-kafè morr (għax hemm ma jagħmlulux zokkor, imma bdiel zokkor drabi jixħtu fih biċċa ħaxixa togħma ta' lumi, jekk m'hux aktar qarsa mil-lumi wkoll), Dun Vergani qam u libes l-istola. Mela l-imraxx bl-ilma mbierek li kellu f'kunjett filbut u berkilhom il-għar. Iżżejniehom ħajr (għednielhom: *Allâ jkattar ħajrkom! Mamnunin bi ktir!*) u għednielhom li sa mmorru. Kif inhi d-drawwa ta' hemm talbuna noqogħdu ftit ieħor, għax kien għadu l-ħin (bil-lsien tagħhom: *Luwiex il-għaġle? Lissa bakkir!*) imma Dun Vergani qalilhom li kellu x'jagħmel ħafna u kellu jmur. Għal hekk sellimnielhom (għednielhom: *B'ħatirkom!*) u ħriġna mill-għar.

Il-mara reġgħet ħarġet magħna biex ma jagħmlulux għalina l-klieb. U hekk, imseħbin mill-mara, tgħajjat mal-klieb, u mill-klieb jinbħu għal xulxin u għalina, wasalna sa ras it-taraġ tal-blat. Il-mara u l-klieb reġgħu lura u aħna nżilna lejn is-Salt.

ELSIE.

---

# PATRI GAWDENZJU

Min kellu jgħidli, meta kont noħroġ indur ma' Patri Gawdenzju, fiż-żmien li kont il-Palestina, li għad nikteb fuqu u fuq mewtu hawn Malta, f'din ir-Rivista! Min kellu jgħidli kif kellu jtemm ħajtu dak il-Franġiskan żagħżugħ, dak iż-żmien mimli bil-ġmiel, bil-għerf u bil-hena; u l-lum ma fadal minnu għajr ftit għadam f'qabar!

* * *

L-ewwel darba li rajt lil Patri Gawdenzju, kien fis-Sagrestija tal-Knisja tal-Qabar ta' Kristu, ftit jiem wara li wasalt il-Palestina. Imma għamilna ħbieb meta ġie Għajn Karem ibiddel l-arja, għax ma kienx jiflaħ; jien kont hemm ukoll dak iż-żmien, u billi hu kien joħroġ ħarġa fil-għaxija x'ħin idur ir-rwieħ, bħal ma kont nagħmel jiena, bdejna niltaqgħu u noħorġu flimkien. Hekk għamilna ħbieb.

F'dawn id-dawriet li konna nduru flimkien, l-ewwel f'Għajn Karem imbagħad f'Ġerusalem, ġie li kien jitħaddet miegħi fuq ħajtu. U hawnhekk sa ngħid xi kelmtejn kif smajthom minnu, bla żjieda ta' xejn.

Patri Gawdenzju twieled fid-19 ta' Frar tas-sena 1889, ġewwa Nazaret. Meta kien għadu żgħir, miettlu missieru, u billi kienu erbat aħwa, ommu biex tgħin ruħha daħħlet lilu fid-dar tal-Itiema li għandhom ir-Rhieb Franġiskani f'Ġerusalem. Meta tfarfar rjed jidħol Raħeb huwa wkoll, kif għamel tas-sew meta kien għad kellu xi tnax-il sena. Moħħu kien tajjeb wisq, u tgħallem malajr u qaddes ta' tnejn u għoxrin sena, jiġifieri sentejn qabel iż-żmien.

Malli qaddes, il - Franġiskani bagħtuh jitgħallem Ruma. Kemm dam hemm ma nafx. Naf li minn

hemm reġgħu bagħtuh itemm tagħlimu fi Freiburg, il-Ġermanja, u mbagħad f'Pariġi. Fi żmien l-Ewwel Gwerra Kbira, hemm kien, Pariġi; darba qalli ġrajja żgħira, ħelwa, milli ġrawlu hemmekk, li sa niktibha hawn.

Hemm, Pariġi, fi żmien il-gwerra, billi kien dejjem fuq il-kotba, ħabat sa jimrad. Għal hekk it-tobba riedu li jkollu xi naqra ta' ġnien fejn irabbi xi xitel tal-ward, biex jedha bih. F'dan ix-xogħol żgħir tiegħu, ma nafx kif, bdew imorru jgħinuh żewġ subjien żgħar, aħwa, Franċiżi. Xi ħadd kien għarraf lil



**PATRI GAWDENZJU ORFALI, O.F.M.,**

**Ritratt mogħti minnu n-nifsu lil min kiteb dil-kitba.**

dawk it-tfal li Patri Gawdenzju fil-Magnmudija kien jismu Jusef. Fid-19 ta' Marzu, nhar San Ġużepp tas-sena 1915, kif Patri Gawdenzju kien fil-kamra tiegħu, jisma' jħabbat il-bieb u kif fetaħ isib lil dawn iż-żewġ ħbiebu ż-żgħar, wieħed kellu f'idu damma ward u l-ieħor kellu karta miktuba. Qrawlu l-erba' kelmiet li kellhom miktuba fil-karta biex jagħtuh il-Għid it-Tajjeb u qaddmulu d-damma tal-ward. Imbagħad qalulu: "Irridu nbusulk!" U Patri Gawdenz qagħdilhom ħa' jbusuh, bis-sabar kollu.

Imbagħad riditu tarawh lil Patri Gawdenzju, idur il-ħwienet ta' Pariġi biex isib jixtrilhom ftit ħelu! Ma damx jiġri u jdur ftit, għax billi kien żmien il-gwerra, m'hux għal kemm issib ħelu għal biegħ. Ħsieb il-ħelu kellhom il-Pariġini, bil-kanuni tal-Ġermaniżi jdamdmu wara daharhom. Imma fl-aħħar sab ftit ħelu, u bagħtu liż-żewġt itfal biex jiekluh bis-saħħa tiegħu.

Biex laħaq Lettur tal-Bibbja, Patri Gawdenz, kiteb ktieb bil-Latin jismu "De Foederis Arca". Meta raġa' mill-Ewropa lejn il-Palestina, il-Franġiskani qabbduh jgħallem il-kjeriki tagħhom fis-Seminarju ta' Ġerusalem. Wara waqqaf skola għat-tagħlim tal-Bibbja, li għadha hemm sal-lum, u magħha, bil-għajnuna ta' xi rjus kbar Ingliżi u Amerikani, waqqaf ukoll Mużew. Issieħeb fix-xirka tal-"Palestine Archaeological Society", li fiha jinsabu Ingliżi, Franċiżi, Amerikani, Għarab u Lhud, u wara ftit laħaq xejn anqas minn President tagħha. F'dak iż-żmien kiteb ukoll żewġ kotba oħra bil-Franċiż: "Capernaum Et Ses Ruines" u "Ghetsemani".

L-Ingliżi u l-Amerikani kienu jżommuh fuq wiċċ idejhom. Il-Lhud kienu jaħalfu bih. Il-Għarab kienu mkabbrin bih, għax huwa wild fost uliedhom. Imma sewwa sew f'dan iż-żmien, mewt għall-għarrieda, ħasditu ħin bla waqt minn din il-ħajja.

* * *

Patri Gawdenzju kien għadu kemm bena mill-ġdid biċċa mill-ħerba ta' Sinagoga ta' żmien Kristu li hemm f'Katar-Naħum, fuq il-Baħar ta' Tabarija. Dak iż-żmien ukoll kienu ġew xi Arkeoloġi mill-Ewropa li hu kien laqagħhom fid-dar żgħira tal-Franġiskani, ħada l-ħerba tas-Sinagoga. Dawn jum wieħed telgħu Ġerusalem u Patri Gawdenzju baqa' Nazaret, bil-fehma li jitla' ftit warajhom.

Kien id-19 t'April 1926, u l-għada, 20 tax-xahar, Patri Gawdenzju kellu jagħmel taħdita quddiem dawk l-Arkeoloġi f'Ġerusalem. Għal hekk kera karozza u rikbu fiha hu u l-inġinjier Ġermaniż, Boyerly, u telqu min-Nazaret għal Ġerusalem f'xi l-ħdax ta' bil-lejl. Fit-triq, Patri Gawdenzju u l-Inġinjier bdew jongħosu. Meta qorbu lejn Ġerusalem, (kien baqalhom biex jaslu xi seba' kilometri) is-sewwieq, jara triq twila u watja quddiemu, medd rasu fuq ir-rota tat-tmun. Għajnu marret bih ukoll, u l-karozza qabżet it-triq u baqgħet dieħla ġewwa għalqa, billi dik in-naħa l-għelieqi bla ħitan.

Is-sewwieq stembaħ u dawwar il-karozza biex jarġa' jtellagħha fit-triq. It-triq kienet ogħla mill-għalqa, għal hekk kif il-karozza ġiet biex titla', irtefgħet min-naħa l-quddemija. Kif dan, Patri Gawdenzju stembaħ, fetaħ il-bieba u qabeż. Malli qabeż, il-karozza nqalbet u ġiet fuqu.

L-Inġinjier baqa' fil-karozza u s-sewwieq, bit-taħbit, ħareġ minn taħtha; u mar lejn ir-raħal tal-Lhud li kien hemm qrib, jitlob il-għajnuna. Kienu s-sagħtejn ta' bil-lejl. Qajjem il-Lhud, li ġew għadd kbir minnhom miegħu u qalbu l-karozza. L-Inġinjier insab li kellu sieqU miksura, waqt li Patri Gawdenzju kien......... mejjet!

Ittieħdu l-isptar it-tlieta. Minn hemm il-ġisem ta' Patri Gawdenzju ħaduh l-Infirmerija tal-Franġiskani, fid-Dejr ta' San Salvatur. Hemm qegħduh f'tebut, sammru l-għatu fuqu u niżżluh il-knisja.

Għadni nara lil Sir Ronald Storrs, li dik il-ħabta kien ta' wara l-*High Commissioner*, jarfa' fit-tebut tiegħu ma' kbarat oħra, Ingliżi u Amerikani. Fost dawn kien hemm Mr. Garstang u Mr. Albright, żewġ Arkeoloġi kbar magħrufa. Wara ħaduh mill-knisja u difnuh fil-Maqbar tal-Franġiskani fuq il-għolja ta' Sijon. Qatt ma stajt nemmen, li ġewwa dak it-tebut, meta rajtu, kien hemm magħluq mejjet il-ħabib tiegħi Patri Gawdenzju: dak ir-Raħeb żagħżugħ, dejjem daħkani, dejjem ferrieħi!

U hekk intemm Patri Gawdenzju fost il-hemm tal-kotra kbira ta' ħbieb u fost is-serħ tal-ftit għajjura, u b'tagħlima morra għal kull ħadd fuq il-frugħa ta' kull ma fiha d-dinja.

FRA BENEDITT, O.F.M.

---

# IĊ-ĊEDRI TA' LIBNAN

Mir-raħal ta' Diman jibdew jidhru s-siġar taċ-ċedri. Jidhru bħal roqgħa kbira ta' ħdura f'nofs ta' anfitijatru ta' għoljiet fuq ir-riħ ta' wied li minnu jgħaddi l-ilma taxxmara msemmija Naher Qadixa. Iċ-ċedri ta' Libnân, imsemmija ma' kull imkien! Min ma jixtieqx jarahom? Ix-xbieha tagħhom tinsab fuq il-bandiera tar-Repubblika Libnanija, fuq il-beritta tas-suldati, fuq il-bolli tal-ittri u fuq il-flus. Hija l-għalma u l-kburija tal-pajjiż. Iċ-ċedri għal-Libnan huma bħal ma hi l-akropli għal Greċja u l-piramdi għall-Eġittu.

Wara mixja twila lejn l-iġbla, il-mexxej imidd idu lejn il-quċċata tal-għolja ta' Mikmel, għolja 10,071 pied, imbewsa mix-xemx u miksija bis-silġ, u jgħid "Araw iċ-ċedri!" (hemm il-art) u għal dik id-dehra ta' bosk ċkejken f'nofs l-iġbla jgħaddu minn moħħok ħafna ħsebijiet.

Kien hemm żmien meta dawn issiġar kienu jgħattu kollha kemm huma dawn l-iġbla. In-nies tal-qedem hawn kienu jiġu biex jieħdu l-għewwied għal bini tal-knejjes u tal-palazzi tagħhom, għall-iġfien u għall-imriekeb u fl-aħħar għat-twiebet ukoll. Il-Griegi u l-Eġizjani, huma u jbaħħru minn din in-naħa kienu jieqfu għal ftit jitgħaxxqu b'dawn l-iġbla għoljin, kollha ħdura. Imma ż-żmien għadda, u minn fuq dawn l-iġbla għaddew ukoll maż-żmien, bosta qerrieda fost ilbnedmin. Għalhekk issa dawk issiġar imsemmija u mfaħħra fil-qadem, ma humiex għajr ftit.

U ara, issa, wara l-aħħar mixja għat-telgħa, naslu ma' ġenb iċ-ċe-

dri. Ħadd issa ma għadu xewqan. Mill-bgħid ma kienitx tidher għajr roqgħa ħadra, issa r-roqgħa nfirxet u n-nies maħsula bil-għaraq u maħruqa bix-xemx, jidħlu taħt is-siġar, qishom daħlu f'xi deżert, daqs kemm il-frajja' huma sfiqa ma' xulxin u fuq zokk għoli, għad li jħallu jgħaddi minn bejniethom id-dawl iżraq-bajdani tas-sema.

L-ewwel ħaġa li min jarahom jistagħġeb biha hija l-ħxuna tazzokk tagħhom, imbagħad iż-żmien kbir ta' għomorhom. Milquta misdrabi ta' sittax-il jarda ħxuna. Ilfriegħi tagħhom huma hekk twal li ġie li jaslu mal-ħamsin jarda ftuħ. Jekk taqta' fergħa, il-ġewwieni tagħha jkun għuda tleqq, bajdanija bi strixxi ħomor. Il-ħatab tagħhom ma jsewwes qatt, u fil-ħerba tal-palazzi tal-Assirja għadhom jinsabu travi magħmula minnhom, u għad li għandhom xi tliett elef sena, għadhom minn ġewwa, jek taqsamhom, bojod u ħomor u jleqqu donnhom ġodda. Meta taħraqhom toħroġ minnhom fwieħa kbira.



**Tnejn mill-erba' mitt siġra tal-arż jew Ċedru**
**Li għadhom jinsabu fuq Ġebel Libnan.**
**(Mill-bini ta' wrajhom jidher il-kobor tagħhom)**

sajjetti u miksura mit-toqol tas-silġ u mill-għafis tal-irjieħ, għandhom ġrieħi qodma bosta mijiet ta' snin. Hemm minnhom erba' mitt siġra, imma m'hux kollha għandhom żmien wieħed. L-iżgħar fosthom għandhom xi mitejn sena, u l-ixjeħ mal-elf u ħames mija. Siġar xjuħ fis-sena 1550 jingħad li kien hemm tmienja u disgħin waħda, imma l-lum ma hemmx aktar minn tnax. Tnax-il ġgant fost is-siġar, għolja aktar minn tmenin pied u biz-zokk

'Il barra mis-siġar jinsab xori kollu għoljiet, u hawn jiġu kotra kbira ta' nies jgħaddu ż-żmien u jitgħaxxqu bid-dehriet sbieħ u jissaħħu bl-arja nadifa ta' dawk l-iġbla. Uħud min-nies ta' Libnan jgħidu li dawn is-siġar kienu maħluqa minn Alla fil-bidu tad-dinja u oħrajn jaħsbu li kienu mħawla hemm fi żmien Salamun, is-sultan ta' Ġerusalem. Kull ħadd f'dawn l-inħawi juri qima kbira lejn dawn is-siġar taċ-ċedru. Il-Kroċjati kie-

nu jgħożżu wisq il-frott tagħhom. Goffredu ta' Buljon kien għażel frott taċ-ċedru biex tagħhom bħala rahan lil Emir ta' Kajsarija li ferah bihom wisq. Fis-sena 1674 tala' fuq dawn l-iġbla Nointel, ambaxxatur ta' Franza u hemm kien milqugħ mill-Isqof Stefan Dwajki li hemm fuq qaddes quddiesa kbira u wara qata' fergħa kbira u tagħha lil dan il-Franċiż biex minnha jagħmel statwa tar-Re tiegħu Lwiġi XIV. Imma l-Isqof biss sata' jaqta' fergħa minn dawk is-siġar, bil-ħalla tal-Patrijarka, għax minn żmien twil qabel kien, u għadu issa, magħdud bi dnub mejjet għal min jaqta' frieghi jew jagħmel ħsara lil dawn is-siġar imqaddsa ta' Libnan.

Jingħad li xi Misilmin li kienu jmorru jirgħu l-imrieħel tagħhom dik in-naħa, bi nkejja tal-Insara waslu biex kissru xi siġar minn dawn iċ-ċedri. Imma kienu mħallsa f'qasir żmien għax mietulhom kotra kbira mill-baqar u n-nagħaġ tagħhom.

Il-Maroniti lil dawn is-siġar iżommuhom f'qima kbira u m'humiex għajr ġejjin u sejrin iżuruhom. Imma l-akbar żjara tkun f'Għid it-Teġella, jew it-*Trasfigurazjoni*, għax dik inhar issir quddiesa kbira taħt iċ-ċedri fuq artal magħmul mill-ħaġar ta' hemm. Il-Patrijarka tal-Maroniti jitla' hemm fuq imsieħeb minn l-Isfijiet minn Irħieb u qassisin u għadd kbir ta' Insara, u jagħmel din il-festa, li huma jsejħulha Għid il-Arz, jew festa taċ-Ċedri.

Imma ġie żmien li dil-festa ma baqgħetx ta' qima 'l Alla, imma saret jum ta' xalar. Għall dan ma baqgħetx issir, u minn fuq għal bidu tas-seklu XIX kien mimnugħ mill-Patrijarka li nies jitilgħu hemm nhar it-Teġella, għad li ma' tul issena baqgħu jmorru xi ftit nies biex jagħtu ġieħ lil Madonna Bla Tebgħa. Dam hekk sas-sena 1903, għax f'dik is-sena reġgħu ltaqgħu l-Isqfijiet u ftiehmu li jerġgħu jibdew jagħmlu dik il-festa kif sar tas-sew u l-poplu raġa' beda jiltaqa' mill-ġdid u l-koll flimkien jagħmlu wirja ta' għaqda mal-Mexxejja tad-Din tagħhom.

* * *

Iċ-ċedru ta' Libnan jittieħed bħala xbieha tal-Madonna, Sidtna Marija Bla Tebgħa, bħal ma tgħanni wkoll il-Knisja: *Exaltata es sicut cedrus Libani* (Int mgħollija bħala ċedru ta' Libnan). U fil-Litanija ta' Luretu, wara s-sejħa: *Ja Warda Sirrija* (Rosa Mystica) in-nies tax-Xerq għandhom ukoll is-sejħa: *Ja arzet Libnan* (Cedrus Libani).

Imma t-tallb irid isir fil-Knisja. Għal hekk fis-sena 1843, il-Patrijarka Maroni, Jusef Hubejxa, ħa ħsieb u bena taħt iċ-ċedri knisja żgħira, li wara ftit sefet meqruda mit-toqol tas-silġ. Reġgħet inbniet mill-ġdid bis-saħħa tal-qlub ħanina tan-nies tal-Ewropa u għadha hemm sallum, mirquma u sabiħa, miżbugħa lewn ħadrani u s-saqaf ikħal, millewn is-sema u miksi bi kwiekeb bojod tal-fidda. L-artal li jinsab ġewwa fiha magħmul mill-għewwied taċ-ċedru.

Hekk qisna għamilna żjara lissiġar taċ-ċedru ta' Libnan, u issa waslilna l-waqt li nerġgħu lura. Imma ma nitilqux minn hawn qabel

ma nghollu lehenna f'talba żgħira
lil Sidtna Marija u ngħidulha:
Ja Sultana ta' Libnân,
li bħal Arz il-kobor Tiegħek,
Taħt il-mant tiegħek ħadrân,
nitolbuk iżżommna miegħek.

Meta l-għadu jħebb għalina,
nitolbuk, la tafdaniex,
Begħdu minna, Omm ħanina,
biex bil-qerq ma jirbaħniex!

ĠUŻEPPI M. STIVALA.

# MINN HAWN U MINN HEMM

## AĦBARIJIET TA' BARRA

*Teħżiża fil-Palestina.* — Fil-21 ta' Diċembru li għadda għamlet teħżiża qawwija sewwa fil-Palestina u n-nħawi ta' Riħa (Ġeriko) saret ħsara fil-bini wkoll. Il-kappella tal-Franġiskani li tfakkar il-Magħmudija ta' Ġesù li qegħda ftit bgħid mix-xmara tal-Ġurdan, ixxaqqet kollha u sa jkollhom iħottuha u jibnuha mill-ġdid. B'xorti tajba, lil kappella l-oħra li qegħda fuq xatt ix-xmara sewwa, li żżanżnet is-sena li għaddiet, ma ġratilhiex ħsara.

*Milied ta' swied il-qalb.* — Ħtija tat-taħwid li hemm fix-Xerq Nofsani, ftit li xej marru nies Betlehem għal Milied minn artijiet barra l-Palestina. Il-Milied fil-Għar Imqaddes sar kollox kif dari, imma nies barranin, qisu mill-pajjiżi kollha tad-dinja, ma kienx hemm bħal ma kien ikun hemm snin oħra.

*It-Tixwix f'Ċipru u l-Franġiskani.* — Billi s-subjien tal-Iskejjel Sekondari tal-Franġiskani f'Ċipru żammew ruħhom bgħid mit-tixwix, ix-xewwiexa donnhom li ħadu għaliehom, għax fil-għodwa tat-22 ta' Jannar xeħtu żewġ bombi minn tieqa għal ġewwa l-iskola, f'Nikosija. Għal hekk, dik il-għodwa ma sarx tagħlim, imma billi ma ġrat ebda ħsara, għamlu skola bħal dari wara nofs inhar.

*Ħalfa ġdida tal-Għarab.* — Il-Għarab tal-Ġordanja kienu avżata fil-gazzetti, li fil-għodu malli jqumu għandhom jaħalfu dil-ħalfa: *Narrâni mmut il-lum jekk ninsa lil Port-Sajd; narrâni mmut il-lum jekk ninsa lil Gâża.* U fil-għaxija qabel ma jorqdu, kif ikunu mimdudin, jgħidu sa kemm għajnhom tmur bihom: *Ħajfa, Ġaffa, Galilija! Ħajfa, Ġaffa, Galilija! Ħajfa, Ġaffa, Galilija!*

*Il-Qurân fl-iskejjel Insara.* — Il-Ħakma ta' Nâser fl-Eġittu ħarġet qanûn li fl-iskejjel kollha, Insara wkoll, għandu jkun mgħallem il-Qurân, jiġifieri l-ktieb tad-Djiena tal-Misilmin, u għandu jkun hemm kamra bħal knisja tagħhom fejn jistgħu jsallu. Wara ħafna taqtiq il-qalb, iltaħaq ftehim bejn il-Misilmin u l-Insara li t-tagħlim tal-Qurân u t-tislija, isiru f'naħa mifruda mill-iskola.

*Bejn il-Libnân u l-Ġordanja.* — Melek Ħsien, ir-Re tal-Ġordanja, xandar qanûn li fih għarraf lil l-Għarab li jkunu sejrin isiefru minn Libnan għal Ġordanja, ma jeħtieġux *passaport.* Ir-Re ħabbar ukoll li kellu tama kbira li 'l quddiem innies tal-artijiet Għarab kollha ma jkunux jeħtieġu *passaport* meta jsiefru min-naħa għall-oħra.

*Taħfir fil-Għar tal-Ġetsemni.* — Kif ħabbarna bħal daż-żmien sena, il-Għar tal-Ġetsemni kien inmtela bl-ilma meta fix-xitwa far il-Wied ta' Ġosafât. Billi l-art tal-Għar infaqgħet, il-Franġiskani kellhom jagħmluha ġdida. Huma u jaħdmu sabu taħt l-art għadd ta' oqbra ta' żmien il-Biżantini u żmien is-Salibin, għadhom mimlija bil-għadam tannies. Insabu wkoll bċejjeċ ta' kitbiet bil-Grieg u bil-Għarbi Kufi u rqajja' ta' mużajk. Insabet ukoll il-ħofra fejn kien jingħasar iż-żejt, u għal hekk dik in-naħa kien imlaqqam Ġet-Xemen (Ġetsemni) li tfisser: magħsar taż-żejt.

## AĦBARIJIET TA' MALTA

### JUM IL-QABAR TA' KRISTU

Ma' tul l-ewwel tliet xhur ta' dis-sena l-Ġabra għall-ħtiġiet tal-Qabar ta' Kristu saret fil-knejjes imsemmija hawn taħt:

*Jannar*: Santa Vennra, San Duminku u Birżebbuġa.

*Frar*: Ħal Qormi (S. Ġorġ), Ħal Għargħur, il-Furjana, Ħaż-Żebbuġ u r-Rabat.

*Marzu*: il-Birgu, l-Imsida, is-"Sacro Cuor" tas-Sliema, Bormla, l-Isla u l-Erwieħ, il-Belt.

Bħal drabi oħra, din id-darba wkoll nizzu ħajr bil-qalb lill-Kappillani ta' dawn il-Knejjes, li laqgħuna b'dirgħajhom miftuħa u tawna kull għajnuna li ħteġejna. U nizzu ħajr ukoll bil-bosta lil dawk l-Insara kollha li kif u kemm setgħu għenu lill-Franġiskani li jinsabu l-Palestina biex iżommu kif jixraq l-Imkejjen Imqaddsa tal-Fidwa tagħna. Inwegħdu lil kull ħadd li t-talb għalieħom ma jaqtax f'dawk l-Imkejjen Imqaddsa nfushom li qegħdin jinżammu bil-għajnuna tagħhom.

### ID-DULURI TAL-KALVARJU

Waslulna tiżżijiet ta' ħajr għal grazzi li nqalgħu (uħud minnhom grazzi kbar ħafna, qishom mirakli) bl-interċessjoni tad-Duluri tal-Kalvarju, u bagħtulna wkoll flus biex jinxtara xama' għax-xgħil fuq l-artal tagħha. F'Ġerusalem il-grazzi li jinqalgħu bit-talb quddiem dik il-Madonna huma ħaġa ta' kull jum għal hekk hemm laqqmuha *L-Omm tal-Għeġubijiet* (Umm el-Għaġejjeb). Inħabbru wkoll li stampajna talb lil dik id-Duluri bir-ritratt tagħha, li ma ndumux ma nqassmuhom. Kollox u dejjem għall-Glorja t'Alla.

### LILL-ĦBIEB TAGĦNA

Nitolbu lil dawk il-ħbieb li jqassmu fid-djar din ir-Rivista biex, sa fejn jistgħu, iqassmuha *mill-aktar fis*, għax kien hemm uħud mill-imseħbin li gemgmu li drabi ddum ma taslilhom. U kien hemm xi mseħbin li saħansitra ma waslitilhom xejn. Kull min il-għadd ma jasallux sa xahar wara li joħroġ, nitolbuh jibgħat jgħidilna, biex nibgħatuhulu bil-posta.

### IMSEĦBIN ĠODDA

Aquilina Carmela, Imsida; Aquilina Giuseppa, Imsida; Agius Maria, Imsida; Agius Giuseppa, Naxxar.

Bartolo Carmela, Paula; Borg Olivier Alfred, B'Kara; Briffa Carmela, Bormla; Busuttil Carmela, Safi; Baldacchino Antonia, il-Belt; Borg Rosina, Rabat; Busuttil Ro-

sina, Rabat; Bruno Giuseppe, Kalkara; Borg Sac. Michele, Għawdex; Borg Maria, Rabat.

Consilio Mary, Imsida; Camenzuli Alfred, Imsida; Cassar Carmelo, il-Belt; Cachia Giuseppa, L-Isla; Camilleri Antonio, il-Belt; Calleja Antonio, il-Belt; Caruana George, Paula; Carlia Carmela, Paula; Caruana Rosina, Paula; Callus Emilde, Paula; Camilleri Cajetano, Paula.

---

✝

## REQUIESCANT IN PACE

**Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.**

CHARLES BORG, miet Ħal Balzan fis-7 ta' Awissu 1956.

GIUSEPPE BARTOLO, miet Ħal Balzan fl-1956.

SALVINA MUSCAT, mietet Ħal-Balzan fit-8 ta' Diċembru 1956.

FELICE SCHEMBRI, miet Ħal Balzan fit-8 ta' Diċembru 1956.

CATARINA GALEA, mietet il-Qrendi fis-7 ta' Diċembru 1952.

SAVERIO ABDILLA, miet il-Qrendi fis-6 ta' Frar 1952.

GIOVANNA CASSAR, mietet il-Qrendi fis-17 ta' Diċembru 1955.

CONCETTA PACE, mietet il-Qrendi fl-24 ta' Diċembru 1955.

HENRY PACE, miet il-Qrendi fit-2 ta' Frar 1944.

CARMELO CALLEJA, miet il-Marsa 1956.

SAPIENZA CALLEJA, mietet il-Marsa fil-11 ta' Frar 1946.

EMMANUELE GALDES, miet Ħal Qormi fl-20 ta' Settembru 1956.

CONCETTA BUGEJA, mietet Ħal Qormi fit-2 ta' Ottubru 1933.

GIUSEPPE BUGEJA, miet Ħal Qormi fit-8 ta' April 1946.

NATALE SCICLUNA, miet il-Ħamrun fl-1935.

CARLO SCICLUNA, miet il-Marsa fis-7 ta' Mejju 1956.

GEORGE GAUCI, miet il-Ħamrun fid-19 ta' Mejju 1922.

ROSARIA SPITERI, mietet il-Ħamrun fit-22 ta' Novembru 1921.

ROSARIO SCIBERRAS, miet il-Ħamrun fl-1 ta' Ottubru 1940.

GIUSEPPE SCICLUNA, miet il-Ħamrun fit-22 ta' Diċembru 1943.

LUCREZIA SPITERI, mietet il-Ħamrun fit-8 ta' Frar 1936.

EMMANUELE GIALANZE, miet S. Vennra fit-8 ta' Ottubru 1941.

ROSINA GIALANZE, mietet S. Vennra fil-21 ta' Mejju 1950.

PAOLO ATTARD, miet ir-Rabat Għawdex fl-10 ta' Jannar 1942.

ELENA VELLA, mietet il-Belt fl-10 ta' Jannar 1957.

CARMELO MALLIA, miet Ħal Luqa fid-19 ta' Jannar 1957.

CARLO VELLA, miet Bormla fis-27 ta' Lulju 1956.

ANNETTA BORG, mietet Ħal Balzan fil-25 ta' Diċembru 1956.

CARMELA MALLIA, mietet is-Siġġiewi fil-31 ta' Jannar 1957.

PAWLINA ZAHRA, mietet l-Imsida fil-25 ta' Diċembru 1954.

GUSTAVO MICALLEF, miet B'Kara fil-15 ta' Frar 1957.

**Min-naħa tagħna niżguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.**

# ĊIFRI LI JITKELLMU WEĦIDHOM

## IL-ĦIDMA TAL-KUSTODJA FRANĠISKANA TAT-TERRA SANTA

### ĦIDMA RELIĠJUŻA

21 Santwarji
45 Kappelli
39 Parroċċa b'85,000 fidili
11 Knejjes Sukkursali
31 Kappellaniji
64 Kunventi
402 Missjunarji
2 Kulleġġi Serafiki
70 Kummissarjati mxerrdin mad-dinja kollha
1 Delegazzjoni tat-Terra Santa f'Ruma.

### ĦIDMA SOĊJALI

30 Skola għall-bniet u għas-subien, b'aktar minn 6,000 tfal
6 Kulleġġi b'1,800 edukandi
3 Orfanatrofji
8 Officini tas-snajja
2 Tipografiji
1 Fotozingografija
1 Kalvonoplastika.

## ĦIDMA TA' GĦAJNUNA

**Lill-Imgħakksin:**

Il-Kustodja tat-Terra Santa għandha DJAR, li hi tikri mingħajr ebda ħlas lill-insara fqar. Meta l-għadd ta' familji nsara jgħaddi l-għadd tad-djar il-Kustodja tgħinhom bil-flus biex jidħlu taħt saqaf ieħor.

**Ħobż ta' Sant'Antnin:**

F'Kunvent wieħed biss ta' Ġerusalemm, li hu dak ta' San Salvatur, jiġu mqassma iktar minn 2,000 ħobża kull jum u fuq 850 platt minestra lill-fqar, ikunu x'ikunu.

**Għajnuniet oħra:**

Fuq 800 xjuħ, irġiel u nisa, hemm miġburin fl-ażili tal-Kustodja; 1,300 razzjon ħalib jingħataw kull jum lit-tfal; kotba, pitazzi u ħtiġijiet ta' l-iskola jiġu mogħtija b'xejn lil 3,200 tfal foqra; u għadd kbir ta' morda jiġu mdewwijin u kkurati fl-isptarijiet u spiżeriji tat-Terra Santa.

**Lir-Rifuġjati tal-Gwerra tal-Palestina:**

65 dar tal-Kustodja qegħdin jilqgħu lir-rifuġjati u għadd ta' 1,400 rifuġjati oħra qegħdin f'kera ieħor li tħallsu t-Terra Santa; mijiet ta' familji u eluf ta' rifuġjati għandhom il-ħtiġijiet tagħhom kollha mill-Kustodja ta-Terra Santa.

**Lill-Pellegrini:**

Barra minn dan li għedna, il-Kustodja tat-Terra Santa torganizza Pellegrinaġġi għall-Art Imqaddsa mid-dinja kollha, tgħin lill-pellegrini fiż-żjajjar tas-Santwarji u lilhom tilqa' u tpaxxi fit-8 Djar (Casenove) tagħha.

---

Cum permissu Superiorum et auctoritatis Ecclesiasticae.